# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 320

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

**Volum 64**

**9 ta' Awwissu 2021**


Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**


2021/C 320/01 L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* . . . . . 1


V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**


2021/C 320/02 Kawżi Magħquda C-682/18 u C-683/18: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – Frank Peterson vs Google LLC, YouTube LLC, YouTube Inc., Google Germany GmbH (C-682/18) et Elsevier Inc. vs Cyando AG (C-683/18) (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proprjetà intellettwali – Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati – Tqegħid għad-dispożizzjoni u ġestjoni ta' pjattaforma ta' kondiviżjoni ta' vidjos jew ta' pjattaforma ta' hosting u ta' kondiviżjoni ta' fajls – Responsabbiltà tal-operatur għal ksur ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali mwettqa mill-utenti tal-pjattaforma tiegħu – Direttiva 2001/29/KE – Artikoli 3 u 8(3) – Kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" – Direttiva 2000/31/KE – Artikoli 14 u 15 – Kundizzjonijiet sabiex wieħed jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà – Assenza ta' għarfien ta' ksur konkret – Notifika ta' tali ksur bħala kundizzjoni biex jinkiseb digriet ġudizzjarju) . 2


MT

| | | |
|---|---|---|
| 2021/C 320/03 | Kawża C-439/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Satversmes tiesa – il-Latvja) – Proċedura mressqa minn B (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikoli 5, 6 u 10 – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-aċċess tal-pubbliku għad-data personali dwar il-punti ta' penalità imposti għal reati tat-traffiku – Legalità – Kunċett ta' "data personali relatata ma' kundanni kriminali u reati" – Żvelar sabiex titjieb is-sigurtà fit-toroq – Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali – Libertà tal-informazzjoni – Konċiljazzjoni mad-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali – Użu mill-ġdid tad-data – Artikolu 267 TFUE – Effetti ratione temporis ta' deċiżjoni preliminari – Possibbiltà għal qorti kostituzzjonali ta' Stat Membru li żżomm l-effetti legali ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li ma hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni – Prinċipji ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u ta' ċertezza legali) | 3 |
| 2021/C 320/04 | Kawża C-550/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-24 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de lo Social nº 14 de Madrid – Spanja) – EV vs Obras y Servicios Publicos S.A., Acciona Agua, S.A. (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 1999/70/KE – Ftehim qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat – Klawżola 5 – Miżuri intiżi biex jipprevjenu l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat – Kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat fis-settur tal-kostruzzjoni msejħa "fijos de obra" – Kunċett ta' "raġunijiet oġġettivi" li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' tali kuntratti – Direttiva 2001/23/KE – Artikolu 1(1) – Trasferiment ta' impriża – Artikolu 3(1) – Żamma tad-drittijiet tal-ħaddiema – Surroga fil-kuntratti ta' xogħol li ssir skont id-dispożizzjonijiet ta' ftehim kollettiv – Ftehim kollettiv li jillimita d-drittijiet u l-obbligi tal-impjegati ttrasferiti għad-drittijiet u għall-obbligi li jirriżultaw mill-aħħar kuntratt konkluż mal-impriża li ħarġet) | 4 |
| 2021/C 320/05 | Kawża C-559/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-24 ta' Ġunju 2021 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja (Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 258 TFUE – Żona naturali protetta ta' Doñana (Spanja) – Direttiva 2000/60/KE – Qafas għal politika tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-ilma – Artikolu 4(1)(b)(i), Artikolu 5, Artikolu 11(1), Artikolu 11(3)(a), (ċ) u (e), kif ukoll Artikolu 11(4) – Deterjorazzjoni tal-korpi ta' ilma ta' taħt l-art – Assenza ta' karatterizzazzjoni iktar iddettaljata tal-korpi ta' ilma ta' taħt l-art li huma meqjusa bħala li huma esposti għal riskju ta' deterjorazzjoni – Miżuri bażiċi u miżuri supplimentari adegwati – Direttiva 92/43/KEE – Artikolu 6 (2) – Deterjorazzjoni tal-habitats naturali u tal-habitats ta' speċi) | 5 |
| 2021/C 320/06 | Kawża C-719/19: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Raad van State – il-Pajjiżi Baxxi) – FS vs Staatssecretaris van Justitie en Veilgheid (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni – Direttiva 2004/38/KE – Dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri – Artikolu 15 – Tmiem tar-residenza temporanja ta' ċittadin tal-Unjoni fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti – Deċiżjoni ta' tkeċċija – Tluq fiżiku ta' dan iċ-ċittadin tal-Unjoni minn dan it-territorju – Effetti ratione temporis ta' din id-deċiżjoni ta' tkeċċija – Artikolu 6 – Possibbiltà għall-imsemmi ċittadin tal-Unjoni li jibbenefika minn dritt ta' residenza ġdid meta jirritorna fl-imsemmi territorju) | 6 |
| 2021/C 320/07 | Kawża C-872/19 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Ġunju 2021 – Ir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Appell – Politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela – Rikors għal annullament ippreżentat minn Stat terz – Ammissibbiltà – Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Locus standi – Kundizzjoni li r-rikorrent ikun direttament ikkonċernat mill-miżura li tkun is-suġġett tar-rikors tiegħu – Kunċett ta' "persuna ġuridika" – Interess ġuridiku – Att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni) | 7 |
| 2021/C 320/08 | Kawża C-12/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberverwaltungsgericht für das Land Nordrhein-Westfalen – il-Ġermanja) – DB Netz AG vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport ferrovjarju – Kurituri internazzjonali għat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija – Regolament (UE) Nru 913/2010 – Artikolu 13(1) – Stabbiliment ta' punt ta' waqfa waħda għal kull kuritur tal-merkanzija – Artikolu 14 – Natura tal-kuntest għall-allokazzjonijiet tal-kapaċitajiet tal-infrastruttura fuq il-kuritur tal-merkanzija stabbilit mill-bord eżekuttiv – Artikolu 20 – Korpi regolatorji – Direttiva 2012/34/UE – Artikolu 27 – Proċedura għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal kapaċitajiet ta' infrastruttura – Rwol tal-ġestjonarji tal-infrastruttura – Artikoli 56 u 57 – Funzjonijiet tal-korp regolatorju u kooperazzjoni bejn korpi regolatorji) | 8 |
| 2021/C 320/09 | Kawża C-167/20 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-24 ta' Ġunju 2021 – WD vs L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Appell – Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Kuntratt għal żmien determinat – Deċiżjoni ta' nuqqas ta' riklassifikazzjoni – Assenza ta' rapporti ta' evalwazzjoni – Deċiżjoni ta' nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt) | 9 |

| | | |
|---|---|---|
| 2021/C 320/10 | Kawża C-920/19: Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-18 ta' Mejju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landesverwaltungsgericht Steiermark – l-Awstrija) – Fluctus s.r.o., Fluentum s.r.o., KI vs Landespolizeidirektion Steiermark (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Artikolu 56 TFUE – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Restrizzjonijiet – Logħob tal-ażżard – Sistema doppja ta' organizzazzjoni tas-suq – Monopolju fuq il-lotteriji u l-casinos – Awtorizzazzjoni minn qabel li jiġu operati magni awtomatiċi tal-logħob tal-ażżard – Prattiki pubbliċitarji tad-detentur tal-monopolju – Kriterji ta' evalwazzjoni – Ġurisprudenza kostituzzjonali li kkonstatat il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni) | 9 |
| 2021/C 320/11 | Kawża C-88/20: Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-20 ta' Mejju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal correctionnel de Bordeaux – Franza) – proċeduri kriminali kontra ENR Grenelle Habitat SARL, EP, FQ (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) u Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Drittijiet fundamentali – Prinċipju ta' ne bis in idem – Kumulu ta' sanzjonijiet amministrattivi u kriminali għal fatti identiċi – Telefonati mhux mitluba – Prattika kummerċjali qarrieqa – Ġustifikazzjoni insuffiċjenti tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari – Inammissibbiltà manifesta) | 10 |
| 2021/C 320/12 | Kawża C-248/20: Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-18 ta' Mejju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Högsta förvaltningsdomstolen – l-Isvezja) – Skatteverket vs Skellefteå Industrihus AB (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Tassazzjoni – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa matul il-fażi ta' kostruzzjoni ta' bini – Skema ta' ssuġġettar għat-taxxa fakultattiv – Abbandun tal-attività prevista inizjalment – Aġġustament tat-tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa – Risposta għad-domanda preliminari li tista' kjarament tiġi dedotta mill-ġurisprudenza) | 11 |
| 2021/C 320/13 | Kawża C-571/20: Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-6 ta' Mejju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale di Potenza – l-Italja) – OM vs Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca – MIUR, Ministero dell'Economia e delle Finanze, Presidenza del Consiglio dei Ministri, Conservatorio di Musica "E.R. Duni" di Matera (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Rinviju għal deċiżjoni preliminari li jirrigwarda l-validità ta' dispożizzjoni tat-Trattat FUE – Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja – Moviment liberu tal-ħaddiema – Ugwaljanza fit-trattament – Artikolu 45 TFUE – Differenza fl-istatus u ta' remunerazzjoni bejn għalliema universitarji u għalliema li jaqgħu taħt is-sistema nazzjonali ta' taħriġ artistiku u mużikali għoli – Sitwazzjoni purament interna – Inammissibbiltà manifesta) | 11 |
| 2021/C 320/14 | Kawża C-185/21 P: Appell ippreżentat fil-25 ta' Marzu 2021 minn Turk Hava Yollari AO mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fis-27 ta' Jannar 2021 fil-Kawża T-382/19 – Turk Hava Yollari vs EUIPO – Sky (skylife) | 12 |
| 2021/C 320/15 | Kawża C-200/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Bucureşti (ir-Rumanija) fil-31 ta' Marzu 2021 – TU, SU vs BRD Groupe Societé Générale SA, Next Capital Solutions Limited | 12 |
| 2021/C 320/16 | Kawża C-215/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia de Las Palmas de Gran Canaria (Spanja) fis-6 ta' April 2021 – Zulima vs Servicios prescriptor y medios de pagos E.F.C. S.A.U. | 13 |
| 2021/C 320/17 | Kawża C-216/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Ploieşti (ir-Rumanija) fis-6 ta' April 2021 – Asociația "Forumul Judecătorilor din România", YN vs Consiliul Superior al Magistraturii | 13 |
| 2021/C 320/18 | Kawża C-219/21 P: Appell ippreżentat fl-1 ta' April 2021 minn Olimp Laboratories sp. z o. o. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fis-27 ta' Jannar 2021 fil-Kawża T-817/19, Olimp Laboratories vs EUIPO | 14 |
| 2021/C 320/19 | Kawża C-233/21 P: Appell ippreżentat fid-9 ta' April 2021 minn Germann Avocats LLC mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (L-Għaxar Awla) fl-4 ta' Frar 2021 fil-Kawża T-352/18, Germann Avocats LLC vs Il-Kummissjoni Ewropea | 15 |
| 2021/C 320/20 | Kawża C-252/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-22 ta' April 2021 – Facebook Inc. *et* vs Bundeskartellamt | 16 |
| 2021/C 320/21 | Kawża C-274/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (l-Awstrija) fit-28 ta' April 2021 – EPIC Financial Consulting Ges.m.b.H. vs Ir-Repubblika tal-Awstrija u Bundesbeschaffung GmbH | 18 |

| | | |
|---|---|---|
| 2021/C 320/22 | Kawża C-275/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (l-Awstrija) fit-28 ta' April 2021 – EPIC Financial Consulting Ges.m.b.H. vs Ir-Repubblika tal-Awstrija u Bundesbeschaffung GmbH | 21 |
| 2021/C 320/23 | Kawża C-290/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fil-5 ta' Mejju 2021 – Staatlich genehmigte Gesellschaft der Autoren, Komponisten und Musikverleger regGenmbH (AKM) vs Canal+ Luxembourg Sàrl | 24 |
| 2021/C 320/24 | Kawża C-300/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fit-12 ta' Mejju 2021 – UI vs Österreichische Post AG | 25 |
| 2021/C 320/25 | Kawża C-310/21 P: Appell ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2021 minn Aquind Ltd, Aquind Energy Sàrl, Aquind SAS mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fil-5 ta' Marzu 2021 fil-Kawża T-885/19, Aquind *et* vs Il-Kummissjoni | 26 |
| 2021/C 320/26 | Kawża C-311/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja) fit-18 ta' Mejju 2021 – CM vs TimePartner Personalmanagement GmbH | 26 |
| 2021/C 320/27 | Kawża C-316/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Belġju) fil-21 ta' Mejju 2021 – Monument Vandekerckhove NV vs Stad Gent, partijiet oħra: Denys NV, Aelterman BVBA | 28 |
| 2021/C 320/28 | Kawża C-323/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-25 ta' Mejju 2021 – Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid vs B | 28 |
| 2021/C 320/29 | Kawża C-324/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-25 ta' Mejju 2021 – Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid, parti oħra: F. | 29 |
| 2021/C 320/30 | Kawża C-325/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-25 ta' Mejju 2021 – K., parti oħra: Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid | 30 |
| 2021/C 320/31 | Kawża C-343/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven administrativen sad (il-Bulgarija) fit-2 ta' Ġunju 2021 – PV vs Zamestnik izpalnitelen direktor na Darzhaven fond "Zemedelie" | 30 |
| 2021/C 320/32 | Kawża C-352/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Østre Landsret (id-Danimarka) fit-28 ta' Mejju 2021 – A1 u A2 vs I | 31 |
| 2021/C 320/33 | Kawża C-365/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Bamberg (il-Ġermanja) fil-11 ta' Ġunju 2021 – Proċeduri kriminali kontra MR | 32 |
| 2021/C 320/34 | Kawża C-389/21 P: Appell ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2021 mil-Bank Ċentrali Ewropew mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fl-14 ta' April 2021 fil-Kawża T-504/19, Crédit lyonnais vs BĊE | 32 |
| 2021/C 320/35 | Kawża C-1/20: Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Mejju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgerichtshof – l-Awstrija) – B vs Finanzamt Österreich, li kien Finanzamt Wien 9/18/19 | 33 |
| 2021/C 320/36 | Kawża C-115/20 P: Digriet tal-President tas-Sitt Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Mejju 2021 – Vanda Pharmaceuticals Ltd vs Il-Kummissjoni Ewropea | 33 |
| 2021/C 320/37 | Kawża C-578/20: Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Mejju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Judicial da Comarca dos Açores – il-Portugall) – NM, NR, BA, XN, FA vs Sata Air Açores – Sociedade Açoriana de Transportes Aéreos, SA | 34 |

## Il-Qorti Ġenerali


| | | |
|---|---|---|
| 2021/C 320/38 | Kawża T-554/16: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2021 – BZ vs BĊE ("Servizz pubbliku – Persunal tal-BĊE – Talba għar-rikonoxximent li marda hija kkaġunata mix-xogħol – Artikoli 6.3.11 sa 6.3.13 tar-regoli applikabbli għall-persunal tal-BĊE – Irregolarità tal-proċedura – Assenza ta' rapport ta' investigazzjoni – Responsabbiltà mhux kuntrattwali") | 35 |
| 2021/C 320/39 | Kawża T-641/19: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2021 – FD vs Impriża Konġunta Fusion for Energy ("Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Kuntratt għal żmien determinat – Deċiżjoni ta' nuqqas ta' tiġdid – Fastidju psikoloġiku – Użu ħażin ta' poter – Dmir ta' premura – Ugwaljanza fit-trattament – Reponsabbiltà") | 35 |
| 2021/C 320/40 | Kawża T-709/19: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2021 – GW vs Il-Qorti tal-Awdituri ("Servizz pubbliku – Uffiċjali – Uffiċjal b'invalidità totali permanenti – Eżami mediku perijodiku – Modalitajiet – Talba għal riferiment lill-Kumitat tal-Invalidità – Rifjut – Artikolu 15 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal – Konklużjoni Nru 273/15 tal-Kulleġġ tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni – Dmir ta' premura") | 36 |
| 2021/C 320/41 | Kawża T-746/19: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2021 – GY vs BĊE ("Servizz pubbliku – Persunal tal-BĊE – Remunerazzjoni – Allowance tad-dar – Bidla tal-iskema applikabbli – Ċaħda tat-talba għas-sena 2019 – Eċċezzjoni ta' illegalità – Ugwaljanza fit-trattament – Assenza ta' miżuri tranżitorji") | 37 |
| 2021/C 320/42 | Kawża T-51/20: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2021 – Mélin vs Il-Parlament ("Dritt istituzzjonali – Regoli dwar il-ħlas ta' spejjeż u allowances lill-Membri tal-Parlament – Allowance ta' assistenza parlamentari – Rkupru tas-somom imħallsa indebitament – Eċċezzjoni ta' illegalità – Drittijiet tad-difiża – Żball ta' fatt") | 37 |
| 2021/C 320/43 | Kawża T-95/21 R: Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Ġunju 2021 – Il-Portugall vs Il-Kummissjoni ("Proċeduri għal miżuri provviżorji – Għajnuna mill-Istat – Skema ta' għajnuna eżegwita mill-Portugall favur iż-Żona Franka ta' Madeira – Applikazzjoni ta' din l-iskema ta' għajnuna bi ksur tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2007) 3037 final u C(2013) 4043 final – Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tal-għajnuna – Talba għal miżuri provviżorji – Nuqqas ta' urġenza") | 38 |
| 2021/C 320/44 | Kawża T-207/21 R: Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Ġunju 2021 – Polynt vs ECHA ("Miżuri provviżorji – REACH – Sustanza hexahydro-4-methylphthalic anhydride – Obbligu ta' reġistrazzjoni – Evalwazzjoni tal-fajls – Eżami tal-proposti ta' provi – Obbligu li tingħata ċerta informazzjoni li teħtieġ testijiet fuq l-annimali – Talba għal miżuri provviżorji – Nuqqas ta' urġenza") | 38 |
| 2021/C 320/45 | Kawża T-295/21: Rikors ippreżentat fit-18 ta' Mejju 2021 – eSlovensko vs Il-Kummissjoni | 39 |
| 2021/C 320/46 | Kawża T-296/21: Rikors ippreżentat fl-20 ta' Mejju 2021 – SU vs EIOPA | 40 |
| 2021/C 320/47 | Kawża T-304/21: Rikors ippreżentat fit-30 ta' Mejju 2021 – eSlovensko Bratislava vs Il-Kummissjoni | 41 |
| 2021/C 320/48 | Kawża T-309/21: Rikors ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2021 – TC vs Il-Parlament | 42 |
| 2021/C 320/49 | Kawża T-328/21: Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2021 – Airoldi Metalli vs Il-Kummissjoni | 43 |
| 2021/C 320/50 | Kawża T-330/21: Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2021 – EWC Academy vs Il-Kummissjoni | 44 |
| 2021/C 320/51 | Kawża T-331/21: Rikors ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2021 – mBank vs EUIPO – European Marchant Bank (EMBANK European Merchant Bank) | 45 |
| 2021/C 320/52 | Kawża T-334/21: Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2021 – Mendes de Almeida vs Il-Kunsill | 46 |
| 2021/C 320/53 | Kawża T-336/21: Rikors ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 2021 – Mendus vs EUIPO (CENSOR.NET) | 47 |
| 2021/C 320/54 | Kawża T-338/21: Rikors ippreżentat fit-18 ta' Ġunju 2021 – F I S I vs EUIPO – Verband der Deutschen Daunen- und Federnindustrie (ECODOWN) | 48 |
| 2021/C 320/55 | Kawża T-341/21: Rikors ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2021 – Rauff-Nisthar vs Il-Kummissjoni | 49 |

| | | |
|---|---|---|
| 2021/C 320/56 | Kawża T-347/21: Rikors ippreżentat fil-21 ta’ Ġunju 2021 – Hypo Vorarlberg Bank vs SRB | 50 |
| 2021/C 320/57 | Kawża T-348/21: Rikors ippreżentat fit-22 ta’ Ġunju 2021 – Volkskreditbank vs SRB | 51 |
| 2021/C 320/58 | Kawża T-353/21: Rikors ippreżentat fil-25 ta’ Ġunju 2021 – KTM Fahrrad vs EUIPO – KTM (R2R) | 52 |
| 2021/C 320/59 | Kawża T-360/21: Rikors ippreżentat fil-25 ta’ Ġunju 2021 – Portigon vs SRB | 53 |
| 2021/C 320/60 | Kawża T-364/21: Rikors ippreżentat fil-25 ta’ Ġunju 2021 – Essity Hygiene and Health vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta’ werqa) | 54 |

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

**L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***

(2021/C 320/01)

**L-aħħar pubblikazzjoni**

ĠU C 310, 2.8.2021

**Pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 297, 26.7.2021

ĠU C 289, 19.7.2021

ĠU C 278, 12.7.2021

ĠU C 263, 5.7.2021

ĠU C 252, 28.6.2021

ĠU C 242, 21.6.2021

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – Frank Peterson vs Google LLC, YouTube LLC, YouTube Inc., Google Germany GmbH (C-682/18) et Elsevier Inc. vs Cyando AG (C-683/18)**

**(Kawżi Magħquda C-682/18 u C-683/18)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proprjetà intellettwali – Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati – Tqegħid għad-dispożizzjoni u ġestjoni ta' pjattaforma ta' kondiviżjoni ta' vidjos jew ta' pjattaforma ta' hosting u ta' kondiviżjoni ta' fajls – Responsabbiltà tal-operatur għal ksur ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali mwettqa mill-utenti tal-pjattaforma tiegħu – Direttiva 2001/29/KE – Artikoli 3 u 8(3) – Kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" – Direttiva 2000/31/KE – Artikoli 14 u 15 – Kundizzjonijiet sabiex wieħed jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà – Assenza ta' għarfien ta' ksur konkret – Notifika ta' tali ksur bħala kundizzjoni biex jinkiseb digriet ġudizzjarju)***

(2021/C 320/02)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Frank Peterson (C-682/18), Elservier Inc, (C-683/18)

*Konvenuti:* Google LLC, YouTube LLC, YouTube Inc., Google Germany GmbH (C-682/18), Cyando AG (C-683/18)

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li l-operatur ta' pjattaforma ta' kondiviżjoni ta' vidjos jew ta' pjattaforma ta' hosting u ta' kondiviżjoni ta' fajls, li fuqha l-utenti jistgħu jqiegħdu illegalment għad-dispożizzjoni tal-pubbliku kontenut protett, ma jwettaqx "komunikazzjoni lill-pubbliku" tiegħu, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, sakemm ma jikkontribwixxix, lil hinn mis-sempliċi provvista tal-pjattaforma, fl-għoti lill-pubbliku ta' aċċess għal tali kontenut bi ksur tad-drittijiet tal-awtur. Dan huwa b'mod partikolari l-każ meta dan l-operatur ikollu għarfien konkret tal-provvista illegali ta' kontenut protett fuq il-pjattaforma tiegħu u jastjeni milli jħassarha jew jibblokka l-aċċess għaliha b'mod immedjat, jew meta l-imsemmi operatur, minkejja li jaf jew għandu jkun jaf li, b'mod ġenerali, kontenut protett ikun tqiegħed illegalment għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz tal-pjattaforma tiegħu minn utenti tagħha, jastjeni milli jimplimenta l-miżuri tekniċi xierqa li wieħed jistenna minn operatur normalment diliġenti fis-sitwazzjoni tiegħu sabiex jikkombatti b'mod kredibbli u effettiv il-ksur tad-drittijiet tal-awtur fuq din il-pjattaforma, jew meta jipparteċipa fl-għażla ta' kontenut protett ikkomunikat illegalment lill-pubbliku, jipprovdi fuq il-pjattaforma tiegħu għodod speċifikament maħsuba għall-kondiviżjoni illegali ta' tali kontenut jew xjentement jippromwovi tali kondiviżjoni, li jista' jidher mill-fatt li l-operatur adotta mudell ekonomiku li jinkoraġġixxi lill-utenti tal-pjattaforma tiegħu jikkomunikaw illegalment lill-pubbliku kontenut protett fuqha.

2) L-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) għandu jiġi interpretat fis-sens li l-attività tal-operatur ta' pjattaforma ta' kondiviżjoni ta' vidjos jew ta' pjattaforma ta' hosting u ta' kondiviżjoni ta' fajls taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, sakemm dan l-operatur ma għandux rwol attiv ta' natura li jagħtih għarfien jew kontroll tal-kontenut imtella' fuq il-pjattaforma tiegħu.

L-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31 għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi eskluż, skont din id-dispożizzjoni, mill-benefiċċju tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista f'dan l-Artikolu 14(1), tali operatur għandu jkun jaf bl-atti illegali konkreti tal-utenti tiegħu relatati ma' kontenut protett li jkun ġie mtella' fuq il-pjattaforma tiegħu.

3) L-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li, bis-saħħa tad-dritt nazzjonali, id-detentur ta' drittijiet tal-awtur jew ta' dritt relatat ikun jista' jikseb digriet ġudizzjarju kontra l-intermedjarju, li s-servizz tiegħu jkun intuża minn terz sabiex jikser id-drittijiet tiegħu mingħajr ma dan l-intermedjarju jkun jaf b'tali ksur, fis-sens tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, biss jekk, qabel il-ftuħ tal-proċeduri ġudizzjarji, dan il-ksur ikun ġie nnotifikat minn qabel lill-intermedjarju msemmi u dan tal-aħħar ma jkunx aġixxa fil-pront sabiex ineħħi l-kontenut inkwistjoni jew jibblokka l-aċċess għalih u sabiex jiżgura li tali ksur ma jerġax iseħħ. Madankollu, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jiżguraw, fl-applikazzjoni ta' tali kundizzjoni, li din ma twassalx sabiex il-waqfien effettiv tal-ksur jiġi mdewwem b'mod li jikkawża danni sproporzjonati lil dan id-detentur.

(1) ĠU C 82, 04.03.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Satversmes tiesa – il-Latvja) – Proċedura mressqa minn B**

**(Kawża C-439/19)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikoli 5, 6 u 10 – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-aċċess tal-pubbliku għad-data personali dwar il-punti ta' penalità imposti għal reati tat-traffiku – Legalità – Kunċett ta' "data personali relatata ma' kundanni kriminali u reati" – Żvelar sabiex titjieb is-sigurtà fit-toroq – Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali – Libertà tal-informazzjoni – Konċiljazzjoni mad-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali – Użu mill-ġdid tad-data – Artikolu 267 TFUE – Effetti ratione temporis ta' deċiżjoni preliminari – Possibbiltà għal qorti kostituzzjonali ta' Stat Membru li żżomm l-effetti legali ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li ma hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni – Prinċipji ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u ta' ċertezza legali)***

(2021/C 320/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

**Qorti tar-rinviju**

Satversmes tiesa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* B

*fil-preżenza ta':* Latvijas Republikas Saeima

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika għall-ipproċessar ta' data personali dwar il-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa ta' vetturi għal reati tat-traffiku.

2) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 6(1)(e) u l-Artikolu 10 tiegħu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-korp pubbliku responsabbli mir-reġistru li fih huma rreġistrati l-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa ta' vetturi għal reati tat-traffiku li jpoġġi din id-data għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, mingħajr ma l-persuna li titlob l-aċċess ikollha għalfejn tiġġustifika interess speċifiku sabiex tikseb l-imsemmija data.

3) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 6(1)(e), u l-Artikolu 10 tiegħu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza lill-korp pubbliku responsabbli mir-reġistru li fih huma rreġistrati l-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa ta' vetturi għal reati tat-traffiku li jikkomunika din id-data lil operaturi ekonomiċi għall-finijiet ta' użu mill-ġdid.

4) Il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-qorti kostituzzjonali ta' Stat Membru, adita b'rikors kontra leġiżlazzjoni nazzjonali li jirriżulta, fid-dawl ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fuq rinviju għal deċiżjoni preliminari, inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, tiddeċiedi, b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' ċertezza legali, li l-effetti legali ta' din il-leġiżlazzjoni jinżammu fis-seħħ sad-data tal-għoti tas-sentenza li permezz tagħha din tiddeċiedi b'mod definittiv dwar ir-rikors kostituzzjonali.

---

(1) ĠU C 280, 19.08.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-24 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de lo Social nº 14 de Madrid – Spanja) – EV vs Obras y Servicios Publicos S.A., Acciona Agua, S.A.**

**(Kawża C-550/19)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 1999/70/KE – Ftehim qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat – Klawżola 5 – Miżuri intiżi biex jipprevjenu l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat – Kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat fis-settur tal-kostruzzjoni msejħa "fijos de obra" – Kunċett ta' "raġunijiet oġġettivi" li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' tali kuntratti – Direttiva 2001/23/KE – Artikolu 1(1) – Trasferiment ta' impriża – Artikolu 3(1) – Żamma tad-drittijiet tal-ħaddiema – Surroga fil-kuntratti ta' xogħol li ssir skont id-dispożizzjonijiet ta' ftehim kollettiv – Ftehim kollettiv li jillimita d-drittijiet u l-obbligi tal-impjegati ttrasferiti għad-drittijiet u għall-obbligi li jirriżultaw mill-aħħar kuntratt konkluż mal-impriża li ħarġet)***

(2021/C 320/04)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Social nº 14 de Madrid

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* EV

*Konvenut:* Obras y Servicios Publicos S.A., Acciona Agua, S.A.

**Dispożittiv**

1) Il-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss [żmien determinat], konkluż fit-18 ta’ Marzu 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP għandha tiġi interpretata fis-sens li hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa, skont ir-regoli kollha tad-dritt nazzjonali applikabbli, jekk il-limitazzjoni għal tliet snin konsekuttivi, ħlief għal kundizzjonijiet partikolari, tal-impjieg ta’ ħaddiema għal żmien determinat abbażi ta’ kuntratti msejħa “fijos de obra” mill-istess impriża fuq postijiet tax-xogħol differenti li jinsabu fl-istess provinċja u l-għoti lil dawn il-ħaddiema ta’ kumpens għat-terminazzjoni, jekk din il-qorti nazzjonali tikkonstata li dawn il-miżuri effettivament jittieħdu fir-rigward tal-ħaddiema msemmija, jikkostitwixxux miżuri xierqa sabiex jiġi evitat u, jekk ikun il-każ, sabiex jiġi ssanzjonat l-abbuż li jirriżulta mill-użu ta’ kuntratti jew ta’ relazzjonijiet suċċessivi ta’ xogħol għal żmien determinat jew “miżuri legali ekwivalenti”, fis-sens ta’ din il-klawżola 5(1). Fi kwalunkwe każ, tali leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax tiġi applikata mill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat b’tali mod li t-tiġdid ta’ kuntratti ta’ xogħol għal żmien determinat imsejħa “fijos de obra” suċċessivi jitqies li huwa ġġustifikat minn “raġunijiet oġġettivi”, fis-sens tal-klawżola 5(1)(a) ta’ dan il-ftehim qafas, għas-sempliċi raġuni li kull wieħed minn dawn il-kuntratti huwa konkluż b’mod ġenerali għal sit ta’ kostruzzjoni wieħed, indipendentement mit-tul tiegħu, meta tali leġiżlazzjoni nazzjonali ma tipprekludix, fil-prattika, li l-persuna li timpjega kkonċernata tissodisfa, permezz ta’ tali tiġdid, bżonnijiet permanenti u fit-tul ta’ persunal.

2) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta’ Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta’ trasferiment ta’ impriżi, negozji jew partijiet ta’ impriżi jew negozji għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, li permezz tagħha, matul trasferiment ta’ persunal fil-kuntest ta’ kuntratti pubbliċi, id-drittijiet u l-obbligi tal-ħaddiem ittrasferit li l-impriża l-ġdida hija marbuta li tosserva huma limitati esklużivament għal dawk li jirriżultaw mill-aħħar kuntratt li dan il-ħaddiem ikkonkluda mal-impriża li ħarġet mill-kuntratt, bil-kundizzjoni li l-applikazzjoni ta’ din il-leġiżlazzjoni ma jkollhiex l-effett li tpoġġi lill-imsemmi ħaddiem f’pożizzjoni li tkun inqas favorevoli sempliċement minħabba dan it-trasferiment, liema ħaġa għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

(1) ĠU C 77, 09.03.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-24 ta’ Ġunju 2021 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta’ Spanja**

**(Kawża C-559/19)** (1)

***(Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 258 TFUE – Żona naturali protetta ta’ Doñana (Spanja) – Direttiva 2000/60/KE – Qafas għal politika tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-ilma – Artikolu 4(1)(b)(i), Artikolu 5, Artikolu 11(1), Artikolu 11(3)(a), (ċ) u (e), kif ukoll Artikolu 11(4) – Deterjorazzjoni tal-korpi ta’ ilma ta’ taħt l-art – Assenza ta’ karatterizzazzjoni iktar iddettaljata tal-korpi ta’ ilma ta’ taħt l-art li huma meqjusa bħala li huma esposti għal riskju ta’ deterjorazzjoni – Miżuri bażiċi u miżuri supplimentari adegwati – Direttiva 92/43/KEE – Artikolu 6(2) – Deterjorazzjoni tal-habitats naturali u tal-habitats ta’ speċi)***

(2021/C 320/05)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment C. Hermes, E. Manhaeve u E. Sanfrutos Cano, sussegwentement C. Hermes, E. Manhaeve u M. Jáuregui Gómez, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta’ Spanja (rappreżentanti: inizjalment L. Aguilera Ruiz, sussegwentement J. Rodríguez de la Rúa Puig u M.-J. Ruiz Sánchez, aġenti)

**Dispożittiv**

1) Ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu:

— taħt l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/64/UE tas-17 ta' Diċembru 2013, moqri flimkien mal-punt 2.2 tal-Anness II ta' din id-direttiva, billi naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-estrazzjoni illegali ta' ilma u l-estrazzjoni ta' ilma għall-provvista urbana meta stima l-estrazzjoni tal-ilmijiet ta' taħt l-art tar-Reġjun ta' Doñana (Spanja) fil-kuntest tal-karatterizzazzjoni iktar iddettaljata tal-Plan Hidrológico del Guadalquivir 2015-2021 (Pjan Idroloġiku tal-Guadalquivir 2015 sa 2021), approvat permezz tar-Real Decreto 1/2016 por el que se aprueba la revisión de los Planes Hidrológicos de las demarcaciones hidrográficas del Cantábrico Occidental, Guadalquivir, Ceuta, Melilla, Segura y Júcar, y de la parte española de las demarcaciones hidrográficas del Cantábrico Oriental, Miño-Sil, Duero, Tajo, Guadiana y Ebro (id-Digriet Irjali 1/2016 li Japprova r-Reviżjoni tal-Pjanijiet Idroloġiċi tad-Distretti Idrografiċi ta' Cantábrico Occidental, Guadalquivir, Ceuta, Melilla, Segura u Júcar, kif ukoll tal-Parti Spanjola tad-Distretti Idrografiċi ta' Cantábrico Oriental, Miño-Sil, Duero, Tajo, Guadiana u Ebro), tat-8 ta' Jannar 2016;

— taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2000/60, moqri flimkien mal-Artikolu 4(1)(ċ) ta' din id-direttiva, billi, fil-programm ta' miżuri stabbilit fil-kuntest tal-Pjan Idroloġiku tal-Guadalquivir 2015 sa 2021, ma ppreveda ebda miżura sabiex jipprevjeni disturb tat-tipi ta' habitats protetti li jinsabu fiż-żona protetta "Doñana" li għandha l-kodiċi ZEPA/LIC ES0000024, permezz tal-estrazzjoni tal-ilmijiet ta' taħt l-art għall-bżonnijiet taż-żona turistika ta' Matalascañas (Spanja), u

— taħt l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, billi naqas milli jieħu l-miżuri adegwati sabiex jiġu evitati d-disturbi sinjifikattivi tat-tipi ta' habitats protetti, li jinsabu fiż-żona protetta "Doñana" li għandha l-kodiċi ZEPA/LIC ES0000024, fiż-żona protetta "Doñana Norte y Oeste" li għandha l-kodiċi ZEPA/LIC ES6150009 u fiż-żona protetta "Dehesa del Estero y Montes de Moguer" li għandha l-kodiċi ZEC ES6150012, ikkawżati mill-estrazzjoni tal-ilmijiet ta' taħt l-art taż-żona naturali protetta ta' Doñana sa mid-19 ta' Lulju 2006.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) Il-Kummissjoni Ewropea u r-Renju ta' Spanja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

---

([1]) ĠU C 348, 14.10.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Raad van State – il-Pajjiżi Baxxi) – FS vs Staatssecretaris van Justitie en Veilgheid**

**(Kawża C-719/19)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni – Direttiva 2004/38/KE – Dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri – Artikolu 15 – Tmiem tar-residenza temporanja ta' ċittadin tal-Unjoni fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti – Deċiżjoni ta' tkeċċija – Tluq fiżiku ta' dan iċ-ċittadin tal-Unjoni minn dan it-territorju – Effetti ratione temporis ta' din id-deċiżjoni ta' tkeċċija – Artikolu 6 – Possibbiltà għall-imsemmi ċittadin tal-Unjoni li jibbenefika minn dritt ta' residenza ġdid meta jirritorna fl-imsemmi territorju)***

(2021/C 320/06)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Raad van State

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* FS

*Konvenut:* Staatssecretaris van Justitie en Veilgheid

**Dispożittiv**

L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE għandu jiġi interpretat fis-sens li deċiżjoni ta' tkeċċija ta' ċittadin tal-Unjoni mit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, adottata abbażi ta' din id-dispożizzjoni, għar-raġuni li dan iċ-ċittadin tal-Unjoni ma għadux jibbenefika minn dritt ta' residenza temporanja f'dan it-territorju bis-saħħa ta' din id-direttiva, ma hijiex eżegwita b'mod sħiħ minħabba s-sempliċi fatt li l-imsemmi ċittadin tal-Unjoni telaq fiżikament mill-imsemmi territorju fit-terminu li l-imsemmija deċiżjoni tistabbilixxi għat-tluq volontarju tiegħu. Sabiex jibbenefika minn dritt ta' residenza ġdid skont l-Artikolu 6(1) tal-imsemmija direttiva fl-istess territorju, iċ-ċittadin tal-Unjoni li kien is-suġġett ta' tali deċiżjoni ta' tkeċċija għandu mhux biss ikun telaq fiżikament mit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, iżda wkoll ikun temm ir-residenza tiegħu f'dan it-territorju b'mod reali u effettiv, b'tali mod li, fil-mument tar-ritorn tiegħu fl-imsemmi territorju, ma jistax jitqies li r-residenza tiegħu tidħol, fir-realtà, fil-kontinwità tar-residenza preċedenti tiegħu fl-istess territorju. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika li dan huwa l-każ billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi konkreti kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni speċifika taċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat. Jekk minn tali verifika jirriżulta li ċ-ċittadin tal-Unjoni ma temmx ir-residenza temporanja tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti b'mod reali u effettiv, dan l-Istat Membru ma huwiex obbligat jadotta deċiżjoni ġdida ta' tkeċċija abbażi tal-istess fatti li taw lok għad-deċiżjoni ta' tkeċċija diġà meħuda fil-konfront ta' dan iċ-ċittadin tal-Unjoni, iżda jista' jibbaża ruħu fuq din id-deċiżjoni tal-aħħar sabiex jobbligah jitlaq mit-territorju tiegħu.

(1) ĠU C 19, 20.1.2020.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Ġunju 2021 – Ir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-872/19 P)** (1)

***(Appell – Politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela – Rikors għal annullament ippreżentat minn Stat terz – Ammissibbiltà – Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Locus standi – Kundizzjoni li r-rikorrent ikun direttament ikkonċernat mill-miżura li tkun is-suġġett tar-rikors tiegħu – Kunċett ta' "persuna ġuridika" – Interess ġuridiku – Att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni)***

(2021/C 320/07)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Ir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela (rappreżentanti: L. Guiliano u F. Di Gianni, avvocati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Mahnič u A. Antoniadis, aġenti)

**Dispożittiv**

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-20 ta' Settembru 2019, Il-Venezwela vs Il-Kunsill (T-65/18, EU:T:2019:649), hija annullata sa fejn tiċħad ir-rikors tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela intiż għall-annullament tal-Artikoli 2, 3, 6 u 7 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela.

2) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex tingħata deċiżjoni fuq il-mertu.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

(1) ĠU C 45, 10.2.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberverwaltungsgericht für das Land Nordrhein-Westfalen – il-Ġermanja) – DB Netz AG vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**

**(Kawża C-12/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport ferrovjarju – Kurituri internazzjonali għat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija – Regolament (UE) Nru 913/2010 – Artikolu 13(1) – Stabbiliment ta' punt ta' waqfa waħda għal kull kuritur tal-merkanzija – Artikolu 14 – Natura tal-kuntest għall-allokazzjonijiet tal-kapaċitajiet tal-infrastruttura fuq il-kuritur tal-merkanzija stabbilit mill-bord eżekuttiv – Artikolu 20 – Korpi regolatorji – Direttiva 2012/34/UE – Artikolu 27 – Proċedura għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal kapaċitajiet ta' infrastruttura – Rwol tal-ġestjonarji tal-infrastruttura – Artikoli 56 u 57 – Funzjonijiet tal-korp regolatorju u kooperazzjoni bejn korpi regolatorji)***

(2021/C 320/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberverwaltungsgericht für das Land Nordrhein-Westfalen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* DB Netz AG

*Konvenut:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 13(1), l-Artikolu 14(9) u l-Artikolu 18(c) tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv, kif ukoll l-Artikolu 27(1) u (2) tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea, moqri flimkien mal-punt 3(a) tal-Anness IV ta' din id-direttiva, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-ġestjonarju tal-infrastruttura, iddefinit fil-punt 2 tal-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, huwa l-awtorità kompetenti sabiex jadotta, fil-kuntest tad-dikjarazzjoni dwar in-netwerk nazzjonali, ir-regoli applikabbli għall-proċedura għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal kapaċitajiet ta' infrastruttura, inkluż fir-rigward tal-użu esklużiv ta' sistema ta' riżervazzjoni elettronika speċifika, mal-punt ta' waqfa waħda previst f'dan l-Artikolu 13(1).

2) Il-verifika minn korp nazzjonali regolatorju tar-regoli dwar il-proċedura għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal kapaċitajiet ta' infrastruttura fil-punt ta' waqfa waħda previsti fid-dikjarazzjoni dwar in-netwerk hija rregolata mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 913/2010, u li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-korp regolatorju ta' Stat Membru ma jistax jopponi dawn ir-regoli mingħajr ma jikkonforma ruħu mal-obbligi ta' kooperazzjoni li jirriżultaw minn dan l-Artikolu 20 u, b'mod partikolari, mingħajr ma jikkonsulta l-korpi regolatorji tal-Istati Membri l-oħra li jipparteċipaw fil-kuritur tal-merkanzija, sabiex jintlaħaq, sa fejn possibbli, approċċ komuni.

3) L-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 913/2010 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-qafas għall-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura fil-kuritur tal-merkanzija stabbilit mill-bord eżekuttiv skont din id-dispożizzjoni ma jikkostitwixxix att tad-dritt tal-Unjoni.

(1) ĠU C 137, 27.4.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-24 ta' Ġunju 2021 – WD vs L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel**

**(Kawża C-167/20 P)** (1)

***(Appell – Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Kuntratt għal żmien determinat – Deċiżjoni ta' nuqqas ta' riklassifikazzjoni – Assenza ta' rapporti ta' evalwazzjoni – Deċiżjoni ta' nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt)***

(2021/C 320/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* WD (rappreżentant: L. Levi, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (rappreżentanti: D. Detken u F. Volpi, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck, C. Dekemexhe u A. Duron, avukati)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) WD hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha relatati mal-appell, dawk sostnuti mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA).

(1) ĠU C 271, 17.8.2020.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-18 ta' Mejju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landesverwaltungsgericht Steiermark – l-Awstrija) – Fluctus s.r.o., Fluentum s.r.o., KI vs Landespolizeidirektion Steiermark**

**(Kawża C-920/19)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Artikolu 56 TFUE – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Restrizzjonijiet – Logħob tal-ażżard – Sistema doppja ta' organizzazzjoni tas-suq – Monopolju fuq il-lotteriji u l-casinos – Awtorizzazzjoni minn qabel li jiġu operati magni awtomatiċi tal-logħob tal-ażżard – Prattiki pubbliċitarji tad-detentur tal-monopolju – Kriterji ta' evalwazzjoni – Ġurisprudenza kostituzzjonali li kkonstatat il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni)***

(2021/C 320/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landesverwaltungsgericht Steiermark

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Fluctus s.r.o., Fluentum s.r.o., KI

*Konvenut:* Landespolizeidirektion Steiermark

*fil-preżenza ta':* Finanzpolizei Team 96

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix sistema doppja ta' organizzazzjoni tas-suq tal-logħob tal-ażżard għall-unika raġuni li l-prattiki pubbliċitarji tad-detentur tal-monopolju fuq il-lotteriji u l-casinos huma intiżi li jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni attiva fil-logħob, pereżempju billi jagħmlu l-logħba trivjali, billi jagħtuha immaġni pożittiva minħabba l-użu tad-dħul għall-finijiet ta' attivitajiet ta' interess ġenerali jew billi jżidu l-attrazzjoni tagħha permezz ta' messaġġi pubbliċitarji li jiġbduk bil-wegħda ta' rebħ sinjifikattiv.

2) Il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jimponi fuq qorti ta' Stat Membru l-obbligu li ma tapplikax dispożizzjoni tad-dritt intern li tmur kontra l-Artikolu 56 TFUE, inkluż fil-każ fejn qorti superjuri tal-istess Stat Membru tkun qieset li din id-dispożizzjoni kienet konformi mad-dritt tal-Unjoni.

---

([1]) ĠU C 161, 11.05.2020.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-20 ta' Mejju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal correctionnel de Bordeaux – Franza) – proċeduri kriminali kontra ENR Grenelle Habitat SARL, EP, FQ**

**(Kawża C-88/20)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) u Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Drittijiet fundamentali – Prinċipju ta' ne bis in idem – Kumulu ta' sanzjonijiet amministrattivi u kriminali għal fatti identiċi – Telefonati mhux mitluba – Prattika kummerċjali qarrieqa – Ġustifikazzjoni insuffiċjenti tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari – Inammissibbiltà manifesta)***

(2021/C 320/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal correctionnel de Bordeaux

**Partijiet fil-proċedura kriminali fil-kawża prinċipali**

ENR Grenelle Habitat SARL, EP, FQ

**Dispożittiv**

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal correctionnel de Bordeaux (Franza), permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2019, hija manifestament inammissibbli.

---

([1]) ĠU C 161, 11.5.2020.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-18 ta’ Mejju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Högsta förvaltningsdomstolen – l-Isvezja) – Skatteverket vs Skellefteå Industrihus AB**

**(Kawża C-248/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Tassazzjoni – Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa matul il-fażi ta’ kostruzzjoni ta’ bini – Skema ta’ ssuġġettar għat-taxxa fakultattiv – Abbandun tal-attività prevista inizjalment – Aġġustament tat-tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa – Risposta għad-domanda preliminari li tista’ kjarament tiġi dedotta mill-ġurisprudenza)***

(2021/C 320/12)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

**Qorti tar-rinviju**

Högsta förvaltningsdomstolen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Skatteverket

*Konvenut:* Skellefteå Industrihus AB

**Dispożittiv**

L-Artikoli 137, 168, 184 sa 187, 189 u 192 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta’ Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-obbligu għall-proprjetarju ta’ proprjetà immobbli, li ngħata l-benefiċċju tal-iskema ta’ ssuġġettar għat-taxxa fakultattiv matul il-kostruzzjoni ta’ bini li huwa kellu jagħti b’kiri u li naqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tal-input imposta fuq ix-xiri intiż għal dan il-proġett immobiljari, li jirrimborsa immedjatament it-totalità ta’ din it-taxxa, flimkien mal-interessi possibbli, minħabba li l-proġett maħsub li ta dritt għal tnaqqis ma ta lok għal ebda attività taxxabbli, iżda ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi, f’tali sitwazzjoni, l-obbligu li tiġi rregolarizzata l-VAT tal-input imħallsa.

[1] ĠU C 279, 24.8.2020.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa’ Awla) tas-6 ta’ Mejju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale di Potenza – l-Italja) – OM vs Ministero dell’Istruzione, dell’Università e della Ricerca – MIUR, Ministero dell’Economia e delle Finanze, Presidenza del Consiglio dei Ministri, Conservatorio di Musica “E.R. Duni” di Matera**

**(Kawża C-571/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Rinviju għal deċiżjoni preliminari li jirrigwarda l-validità ta’ dispożizzjoni tat-Trattat FUE – Nuqqas manifest ta’ ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja – Moviment liberu tal-ħaddiema – Ugwaljanza fit-trattament – Artikolu 45 TFUE – Differenza fl-istatus u ta’ remunerazzjoni bejn għalliema universitarji u għalliema li jaqgħu taħt is-sistema nazzjonali ta’ taħriġ artistiku u mużikali għoli – Sitwazzjoni purament interna – Inammissibbiltà manifesta)***

(2021/C 320/13)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Potenza

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* OM

*Konvenuti:* Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca – MIUR, Ministero dell'Economia e delle Finanze, Presidenza del Consiglio dei Ministri, Conservatorio di Musica "E.R. Duni" di Matera

**Dispożittiv**

1) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija manifestament nieqsa minn ġurisdizzjoni biex tirrispondi l-ewwel u t-tieni domandi preliminari magħmula mit-Tribunale di Potenza (il-Qorti ta' Potenza, l-Italja).

2) It-tielet domanda preliminari magħmula mit-Tribunale di Potenza (il-Qorti ta' Potenza) hija manifestament inammissibbli.

(1) ĠU C 28, 25.1.2021.

## Appell ippreżentat fil-25 ta' Marzu 2021 minn Turk Hava Yollari AO mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fis-27 ta' Jannar 2021 fil-Kawża T-382/19 – Turk Hava Yollari vs EUIPO – Sky (skylife)

**(Kawża C-185/21 P)**

(2021/C 320/14)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Turk Hava Yollari AO (rappreżentant: R. Almaraz Palmero, abogada)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Sky Ltd

B'digriet tad-29 ta' Ġunju 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma kienx permess u li Turk Hava Yollari AO kellha tħallas l-ispejjeż tagħha stess.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Bucureşti (ir-Rumanija) fil-31 ta' Marzu 2021 – TU, SU vs BRD Groupe Societé Générale SA, Next Capital Solutions Limited

**(Kawża C-200/21)**

(2021/C 320/15)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunalul Bucureşti

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* TU, SU

*Konvenuti:* BRD Groupe Societé Générale SA, Next Capital Solutions Limited

**Domanda preliminari**

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur [1] tipprekludi regola tad-dritt nazzjonali bħal dik li tirriżulta mill-Artikolu 712 *et seq*. tal-Kapitolu VI tal-Cod de procedură civilă (il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), li tipprevedi perijodu ta' ħmistax-il ġurnata li matulu d-debitur jista' jikkontesta l-eżekuzzjoni forzata billi jinvoka n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali tat-titolu eżekuttiv, sa fejn azzjoni intiża sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' klawżoli inġusti li jinsabu fit-titolu eżekuttiv ma hija suġġetta għal ebda terminu u sa fejn, fil-kuntest ta' azzjoni bħal din, id-debitur għandu l-possibbiltà li jitlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni forzata tat-titolu skont l-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia de Las Palmas de Gran Canaria (Spanja) fis-6 ta' April 2021 – Zulima vs Servicios prescriptor y medios de pagos E.F.C. S.A.U.**

**(Kawża C-215/21)**

(2021/C 320/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de Primera Instancia de Las Palmas de Gran Canaria.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Zulima

*Konvenut:* Servicios prescriptor y medios de pagos E.F.C. S.A.U.

**Domanda preliminari**

Fil-kuntest tar-rikorsi tal-konsumaturi fil-konfront ta' klawżoli inġusti, bbażati fuq id-Direttiva 93/13/KE [1] u fil-każ fejn tintlaħaq soluzzjoni ekstraġudizzjarja, l-Artikolu 22 tal-Ley de Enjuiciamiento Civil [il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili] jipprevedi li l-konsumaturi għandhom isostnu l-ispejjeż tal-proċedura mingħajr teħid inkunsiderazzjoni tal-azzjonijiet preċedenti tal-bejjiegħ jew fornitur li ma tax widen għall-intimazzjonijiet preċedenti. Din ir-regola proċedurali Spanjola tikkostitwixxi ostakolu sinjifikattiv li jista' jiddiswadi lill-konsumaturi milli jeżerċitaw id-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv tan-natura potenzjalment inġusta tal-klawżola kuntrattwali, li jmur kontra l-prinċipju ta' effettività u kontra l-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13?

(1) Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Ploieşti (ir-Rumanija) fis-6 ta' April 2021 – Asociația "Forumul Judecătorilor din România", YN vs Consiliul Superior al Magistraturii**

**(Kawża C-216/21)**

(2021/C 320/17)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Ploieşti

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Asociația "Forumul Judecătorilor din România", YN

*Konvenut:* Consiliul Superior al Magistraturii

**Domandi preliminari**

1) Il-mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika (iktar 'il quddiem il-"MKV"), stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni ([1]), għandu jitqies bħala att adottat minn istituzzjoni tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, li jista' jkun suġġett għal interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea? Il-kontenut, in-natura u l-applikazzjoni *ratione temporis* tal-MKV stabbilit bid-Deċiżjoni 2006/928 jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Unjoni Ewropea, iffirmat mir-Rumanija fil-Lussemburgu fil-25 ta' April 2005? Ir-rekwiżiti fformulati fir-rapporti mfassla fil-kuntest tal-MKV huma vinkolanti għar-Rumanija?

2) Il-prinċipju ta' indipendenza tal-ġudikatura, stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'riferiment għall-Artikolu 2 TUE, jista' jiġi interpretat fis-sens li jkopri wkoll il-proċeduri għall-ħatra ta' membri tal-ġudikatura fil-kariga?

3) Dan il-prinċipju jinkiser bl-istabbiliment ta' sistema ta' promozzjoni lejn qorti superjuri bbażata esklużivament fuq evalwazzjoni sommarja tax-xogħol u tal-imġieba, imwettqa minn kummissjoni magħmula mill-president tal-qorti responsabbli għall-istħarriġ ġudizzjarju u tal-membri tagħha, li twettaq, minbarra l-evalwazzjoni perjodika tal-membri tal-ġudikatura, evalwazzjoni distinta oħra tal-membri tal-ġudikatura bil-ħsieb tal-promozzjoni tagħhom kif ukoll stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet meħuda minnhom?

4) Il-prinċipju ta' indipendenza tal-ġudikatura, stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'riferiment għall-Artikolu 2 TUE, jinkiser f'sitwazzjoni li fiha l-Istat Rumen ma jqisx il-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, billi jaċċetta l-MKV u r-rapporti tiegħu u jikkonforma magħhom għal iktar minn għaxar snin, u mbagħad mingħajr avviż minn qabel jibdel il-proċedura għall-promozzjoni ta' membri tal-ġudikatura b'rwoli eżekuttivi, għall-kuntrarju tar-rakkomandazzjonijiet tal-MKV?

---

([1]) ĠU 2007, L 142M, p. 825.

---

**Appell ippreżentat fl-1 ta' April 2021 minn Olimp Laboratories sp. z o.o. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fis-27 ta' Jannar 2021 fil-Kawża T-817/19, Olimp Laboratories vs EUIPO**

**(Kawża C-219/21 P)**

(2021/C 320/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Olimp Laboratories sp. z o.o. (rappreżentant: M. Kondrat, adwokat)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-24 ta' Ġunju 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma għandux jiġi ammess u li Olimp Laboratories sp. z o.o. għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

---

## Appell ippreżentat fid-9 ta' April 2021 minn Germann Avocats LLC mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (L-Għaxar Awla) fl-4 ta' Frar 2021 fil-Kawża T-352/18, Germann Avocats LLC vs Il-Kummissjoni Ewropea

**(Kawża C-233/21 P)**

(2021/C 320/19)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Appellant:* Germann Avocats LLC (rappreżentant: N. Sandamis, dikigoros)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonferma l-punti 24 sa 48 tad-digriet ikkontestat li jiċħad għal kollox l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni;

— għall-kumplament, tannulla kompletament id-digriet ikkontestat;

— tannulla, konformement mal-Artikolu 263 TFUE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinsab fl-ittra mingħajr data rċevuta fit-2 ta' April 2018, li tiċħad l-offerta magħquda magħmula mill-appellanti li tirrigwarda studju tat-tkomplija tal-prattiki sindakali fil-qasam ta' nondiskriminazzjoni u ta' diversità fuq il-post tax-xogħol (sejħa għal offerti JUST/2017/RDIS/F-W/EQUA/0042; ĠU S 215 – 9/11/2017 – 2017/S 215-446067);

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tħallas kumpens ta' EUR 1;

— sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, u fi kwalunkwe każ;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċeduri tal-appell kif ukoll għal dawk tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti tqajjem l-aggravji li ġejjin insostenn tal-appell tagħha.

L-ewwel, żnaturament manifest tal-fatti u żbalji ta' liġi b'rabta ma' abbuż ta' poter, kif ukoll ksur tal-prinċipji ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u tad-dritt għal smigħ.

It-tieni, ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni.

It-tielet, abbuż ta' poter minħabba ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' ċertezza legali, ta' amministrazzjoni tajba u ta' *bona fide*.

Ir-raba', abbuż ta' poter minħabba ksur tal-prinċipji ta' trasparenza u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi f'dak li jikkonċerna l-kompetizzjoni.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-22 ta' April 2021 – Facebook Inc. *et* vs Bundeskartellamt**

**(Kawża C-252/21)**

(2021/C 320/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Facebook Inc., Facebook Ireland Ltd, Facebook Deutschland GmbH

*Konvenut:* Verbraucherzentrale Bundesverband e.V.

*Intervenjent*: Verbraucherzentrale Bundesverband e.V.

**Domandi preliminari**

1. a) Huwa kompatibbli mal-Artikolu 51 *et seq*. tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (RĠPD) ([1]) jekk awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, bħall-Bundeskartellamt (l-Uffiċċju Federali tal-Kompetizzjoni), li ma hijiex awtorità superviżorja fis-sens tal-Artikolu 51 *et seq*. tar-RĠPD, ta' Stat Membru li fih impriża stabbilita barra mill-Unjoni Ewropea jkollha fergħa li, fil-qasam tar-reklamar, tal-komunikazzjoni u tar-relazzjonijiet pubbliċi, tassisti lill-istabbiliment prinċipali ta' din l-impriża li jinsab fi Stat Membru ieħor u li huwa esklużivament responsabbli għall-ipproċessar tad-data personali għat-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea, tikkonstata, fil-kuntest tal-kontroll ta' prattiki abbużivi tad-dritt tal-kompetizzjoni, li l-kundizzjonijiet kuntrattwali tal-istabbiliment prinċipali relatati mal-ipproċessar tad-data kif ukoll l-implimentazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet jiksru r-RĠPD u tordna t-tmiem ta' dan il-ksur?

   b) Fl-affermattiv: huwa kompatibbli mal-Artikolu 4(3) TUE jekk, fl-istess waqt, l-awtorità superviżorja ewlenija fl-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment prinċipali, tissuġġetta l-kundizzjonijiet kuntrattwali ta' dan l-aħħar dwar l-ipproċessar tad-data għal proċedura ta' eżami, konformement mal-Artikolu 56(1) tar-RĠPD?

   Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

2. a) Jekk utent tal-internet sempliċement jikkonsulta siti tal-internet jew applikazzjonijiet li fir-rigward tagħhom japplikaw il-kriterji tal-Artikolu 9(1) tar-RĠPD, bħal applikazzjonijiet ta' namrar, siti ta' namrar għall-omosesswali, siti internet ta' partiti politiċi jew siti internet relatati mas-saħħa, jew jinserixxi data fihom, pereżempju meta jirreġistra jew jagħmel ordnijiet, u impriża oħra, bħal Facebook Ireland, tuża interfaċċi integrati f'dawn is-siti internet u applikazzjonijiet, bħal "Facebook Business Tools" jew cookies jew teknoloġiji ta' ħażna simili mqiegħda fil-kompjuter jew fit-tagħmir ċellulari tal-utent tal-internet, sabiex tiġbor data dwar dawn il-konsultazzjonijiet ta' siti internet u applikazzjonijiet u dwar informazzjoni mdaħħla mill-utent, u tirrelata din id-data mad-data tal-kont Facebook.com tal-utent u tużaha, din il-ġabra u/jew korrelazzjoni u/jew użu jinvolvu l-ipproċessar ta' data sensittiva għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni?

   b) Fl-affermattiv: il-konsultazzjoni ta' dawn is-siti internet jew applikazzjonijiet u/jew l-inserzjoni ta' informazzjoni u/jew l-attivitazzjoni ta' buttuni integrati fihom minn fornitur bħal Facebook Ireland (plugins soċjali bħal "Like", "Share" jew "Facebook Login" jew "Account Kit") irendu manifestament pubblika d-data li tikkonċerna l-konsultazzjoni fiha nnifisha u/jew l-informazzjoni inserita mill-utent, fis-sens tal-Artikolu 9(2)(e) tar-RĠPD?

3. Impriża bħal Facebook Ireland, li topera network diġitali soċjali ffinanzjat mir-reklamar u li tipproponi, fil-kundizzjonijiet għall-użu tagħha, il-personalizzazzjoni tal-kontenut u tar-reklamar, is-sigurtà tan-network, it-titjib tal-prodott kif ukoll l-użu kontinwu u bla xkiel tal-prodotti kollha fil-grupp, tista' tinvoka l-ġustifikazzjoni bbażata fuq in-neċessità tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt, konformement mal-Artikolu 6(1)(b) tar-RĠPD, jew it-teħid inkunsiderazzjoni tal-interessi leġittimi, konformement mal-Artikolu 6(1)(f) tar-RĠPD, meta hija tiġbor, tirrelata mal-kont Facebook.com tal-utent u tuża, għal dawn il-finijiet, id-data minn servizzi oħra tal-grupp stess u minn siti internet u applikazzjonijiet terzi, permezz ta' interfaċċi integrati f'dawn tal-aħħar, bħal "Facebook Business Tools" permezz ta' cookies imqiegħda fil-kompjuter jew fit-tagħmir ċellulari tal-utent tal-internet, jew permezz ta' teknoloġiji ta' ħażna simili?

4. F'tali każ,

— il-fatt li l-utent huwa minuri, għall-finijiet tal-personalizzazzjoni tal-kontenut u tar-reklamar, tat-titjib tal-prodott, tas-sigurtà tan-network u tal-komunikazzjonijiet mhux kummerċjali mal-utent;

— it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' miżuri, analiżijiet u servizzi oħra kummerċjali lil min jirreklama, lil żviluppaturi u lil imsieħba oħra, sabiex ikunu jistgħu jevalwaw il-prestazzjonijiet tagħhom u jtejbuhom,

— it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' komunikazzjoni kummerċjali lill-utent, sabiex l-impriża tkun tista' ttejjeb il-prodotti tagħha u twettaq kummerċjalizzazzjoni diretta,

— ir-riċerka u l-innovazzjoni għall-finijiet soċjali, sabiex jiġi promoss l-istat tat-teknika jew il-fehim xjentifiku fir-rigward ta' kwistjonijiet soċjali importanti u sabiex jiġu influwenzati b'mod pożittiv is-soċjetà u d-dinja,

— l-informazzjoni lill-awtoritajiet responsabbli għall-prosekuzzjonijiet kriminali u għall-eżekuzzjoni tal-pieni, u r-risposta għal kwistjonijiet legali intiża għall-prevenzjoni, għall-identifikazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' reati, użu illegali, ksur tal-kundizzjonijiet għall-użu u tal-politiki u aġir dannuż ieħor,

jistgħu jikkostitwixxu interessi leġittimi fis-sens tal-Artikolu 6(1)(f) tar-RĠPD meta, għal dan il-għan, l-impriża tiġbor, tirrelata mal-kont Facebook.com tal-utent u tuża d-data minn servizzi oħra tal-grupp stess u siti internet u applikazzjonijiet terzi, permezz ta' interfaċċi integrati f'dawn tal-aħħar, bħal "Facebook Business Tools" jew permezz ta' cookies imqiegħda fil-kompjuter jew fit-tagħmir ċellulari tal-utent tal-internet, jew permezz ta' teknoloġiji ta' ħażna simili?

5. F'tali każ, il-ġbir ta' data minn servizzi oħra tal-grupp stess u minn siti internet u applikazzjonijiet terzi, permezz ta' interfaċċi integrati f'dawn tal-aħħar, bħal "Facebook Business Tools", jew permezz ta' cookies jew teknoloġiji ta' ħażna simili maħżuna fil-kompjuter jew fit-tagħmir ċellulari tal-utent tal-internet, il-korrelazzjoni mal-kont Facebook.com tal-utent u l-użu ta' din id-data jew inkella l-użu ta' data diġà miġbura u mqiegħda f'korrelazzjoni mod ieħor jistgħu, f'każijiet individwali, jiġu ġġustifikati wkoll skont l-Artikolu 6(1)(c), (d) u (e) tar-RĠPD, pereżempju sabiex tingħata risposta għal talba legalment valida li tiġi pprovduta ċerta data (punt (c)) sabiex jiġi miġġieled aġir dannuż u tiġi promossa s-sigurtà (punt (d)) għall-finijiet ta' riċerka għall-benefiċċju tas-soċjetà u sabiex jiġu promossi l-protezzjoni, l-integrità u s-sigurtà (punt (e))?

6. Fil-konfront ta' impriża li għandha pożizzjoni dominanti fis-suq, bħal Facebook Ireland, jista' jingħata kunsens validu, u b'mod partikolari liberu, fis-sens tal-Artikolu 4(11) tar-RĠPD, konformement mal-Artikolu 6(1)(a) u l-Artikolu 9(2)(a) tar-RĠPD?

Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:

7. a) Awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru, bħall-Uffiċċju Federali tal-Kompetizzjoni, li ma hijiex awtorità superviżorja fis-sens tal-Artikolu 51 *et seq.* tar-RĠPD u li teżamina ksur tal-projbizzjoni ta' prattiki abbużivi fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni kommessi minn impriża li għandha pożizzjoni dominanti fis-suq li ma jikkonsistix fi ksur tar-RĠPD taħt il-kundizzjonijiet ta' pproċessar tad-data u l-implimentazzjoni tagħhom, tista' tistabbilixxi, pereżempju fil-kuntest tal-ibbilanċjar tal-interessi, jekk tali kundizzjonijiet ta' pproċessar tad-data ta' din l-impriża u l-implimentazzjoni tagħhom humiex konformi mar-RĠPD?

b) Fl-affermattiv: fid-dawl tal-Artikolu 4(3) TUE, dan japplika wkoll jekk l-awtorità superviżorja prinċipali tissuġġetta l-kundizzjonijiet dwar l-ipproċessar tad-data ta' din l-impriża għal proċedura ta' eżami, konformement mal-Artikolu 56(1) tar-RĠPD?

Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għas-seba' domanda, huwa neċessarju li tingħata risposta għat-tielet sal-ħames domanda fir-rigward ta' data mill-użu tas-servizz Instagram tal-grupp.

---

([1]) ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (l-Awstrija) fit-28 ta' April 2021 – EPIC Financial Consulting Ges.m.b.H. vs Ir-Repubblika tal-Awstrija u Bundesbeschaffung GmbH**

**(Kawża C-274/21)**

(2021/C 320/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* EPIC Financial Consulting Ges.m.b.H.

*Konvenuti:* Ir-Repubblika tal-Awstrija, Bundesbeschaffung GmbH

**Domandi preliminari**

1. Il-proċeduri interlokutorji previsti fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi ([1]), fil-verżjoni tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni ([2]), previsti wkoll fuq livell nazzjonali fl-Awstrija quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali), f'liema proċeduri huwa possibbli li tinkiseb projbizzjoni temporanja tal-konklużjoni ta' ftehimiet qafas jew ta' kuntratti ta' provvista, jikkostitwixxu tilwima fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali ([3])? Tali proċeduri interlokutorji kif hemm riferiment għalihom fid-domanda preċedenti jikkostitwixxu minn tal-inqas kwistjoni ċivili skont l-Artikolu 81(1) TFUE? Tali proċeduri interlokutorji skont l-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 89/665, fil-verżjoni tad-Direttiva 2014/23, huma proċeduri bil-għan li jiġu adottati miżuri provviżorji skont l-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 1215/2012?

2. Fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipju ta' ekwivalenza għandu jiġi interpretat fis-sens li jikkonferixxi drittijiet suġġettivi lill-individwi kontra l-Istat Membru u li jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet legali Awstrijaċi li jipprovdu li l-qorti, qabel ma tistħarreġ talba għal proċeduri interlokutorji kif prevista fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 89/665, fil-verżjoni tad-Direttiva 2014/23, għandha tiddetermina t-tip ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt u l-valur (stmat) tal-kuntratt kif ukoll in-numru totali ta' deċiżjonijiet kontestabbli separatament li jirriżultaw minn proċeduri ta' għoti ta' kuntratt speċifiċi, kif ukoll, skont il-każ, il-lottijiet li jirriżultaw

minn proċedura ta' għoti ta' kuntratt speċifika sabiex il-president tal-awla kompetenti jadotta ordni għar-regolarizzazzjoni għall-finijiet tal-irkupru tal-ispejjeż u, fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas, l-awla kompetenti li tisma' t-talba timponi l-ispejjeż proċedurali qabel jew mhux iktar tard miċ-ċaħda tat-talba għal proċeduri interlokutorji minħabba nuqqas li jitħallsu l-ispejjeż mitluba, taħt piena ta' telf ta' intitolament, filwaqt li fi kwistjonijiet ċivili (oħra) fl-Awstrija, bħal pereżempju, fil-każ ta' rikorsi għad-danni jew ordnijiet għal ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, in-nuqqas ta' ħlas tal-ispejjeż, indipendentement mill-ammont dovut, ma jipprekludix it-trattament tat-talba għal proċeduri interlokutorji u t-trattament ta' rikors mill-qrati ċivili responsabbli mit-talbiet għal proċeduri interlokutorji indipendenti ma huwiex prekluż min-nuqqas ta' ħlas ta' spejjeż b'rata fissa u barra minn hekk, f'oqsma oħra tad-dritt, in-nuqqas ta' ħlas ta' spejjeż għal appelli kontra d-deċiżjonijiet amministrattivi jew għal appelli fuq punti ta' liġi kontra deċiżjonijiet ta' qrati amministrattivi quddiem il-Verfassungsgerichtshof (il-Qorti Kostituzzjonali) jew il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema) ma jwassalx għaċ-ċaħda tal-appell minħabba nuqqas ta' ħlas tal-ispejjeż u, pereżempju, ma jwassalx sabiex talbiet għal rikonoxximent tal-effett sospensiv jiġu miċħuda biss permezz taċ-ċaħda tagħhom f'tali appelli jew f'appelli fuq punti ta' liġi?

2.1 Fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta' ekwivalenza għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet legali Awstrijaċi li jipprovdu li l-president tal-awla li jiddeċiedi bħala imħallef uniku għandu, qabel ma jistħarreġ talba għal proċeduri interlokutorji kif prevista fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 89/665, fil-verżjoni tad-Direttiva 2014/23, jadotta ordni għar-regolarizzazzjoni għall-finijiet tal-irkupru tal-ispejjeż fin-nuqqas ta' ħlas suffiċjenti tal-ispejjeż b'rata fissa, u dan l-imħallef uniku għandu jiċħad it-talba għal proċeduri interlokutorji fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas tal-ispejjeż, filwaqt li, fi kwistjonijiet ċivili fl-Awstrija, taħt il-Gerichtsgebührengesetz (il-Liġi dwar l-Ispejjeż Ġudizzjarji), ma għandhom jitħallsu ebda spejjeż ġudizzjarji addizzjonali b'rata fissa, fil-prinċipju, għal talba għal proċeduri interlokutorji li titressaq flimkien ma' rikors fl-ewwel istanza u, barra minn hekk, fir-rigward ta' talbiet għall-għoti ta' effett sospensiv li jitressqu flimkien ma' appell minn deċiżjoni amministrattiva quddiem il-Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva), appell fuq punti ta' liġi quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema), jew appell quddiem il-Verfassungsgerichtshof (il-Qorti Kostituzzjonali), li minn perspettiva funzjonali, għandhom għan identiku jew simili għal talba għal proċeduri interlokutorji, ebda spejjeż ma għandhom jitħallsu għal tali talbiet anċillari għall-għoti ta' effett sospensiv?

3. Fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, ir-rekwiżit fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 89/665, fil-verżjoni tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE ([4]), li jipprovdi li għandhom jittieħdu *ma' l-ewwel opportunità u permezz ta' proċeduri interlokutorji, miżuri interim bl-iskop li jikkoreġu l-ksur allegat jew jipprevienu aktar ħsara għall-interessi kkonċernati*, għandu jiġi interpretat fis-sens li jikkonferixxi dritt suġġettiv għal deċiżjoni immedjata dwar it-talba għal proċeduri interlokutorji u jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet legali Awstrijaċi li jipprovdu li l-qorti, anki fil-każ ta' nuqqas ta' trasparenza tal-għoti tal-kuntratt u qabel ma tistħarreġ talba għal proċeduri interlokutorji intiża li tipprekludi akkwisti supplimentari mill-awtorità kontraenti, għandha tiddetermina, mingħajr ma dan ikun rilevanti għad-deċiżjoni tal-qorti, it-tip ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt u l-valur (stmat) tal-kuntratt kif ukoll in-numru totali ta' deċiżjonijiet kontestabbli separatament li jirriżultaw minn proċeduri ta' għoti ta' kuntratt speċifiċi, kif ukoll, skont il-każ, il-lottijiet li jirriżultaw minn proċedura ta' għoti ta' kuntratt speċifika sabiex il-president tal-awla kompetenti jadotta ordni għar-regolarizzazzjoni għall-finijiet tal-irkupru tal-ispejjeż u, fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas, l-awla kompetenti li tisma' t-talba timponi l-ispejjeż proċedurali qabel jew mhux iktar tard miċ-ċaħda tat-talba għal proċeduri interlokutorji minħabba nuqqas li jitħallsu l-ispejjeż mitluba, taħt piena ta' telf ta' intitolament fil-konfront tar-rikorrent?

4. Fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, id-dritt għal smigħ xieraq quddiem qorti skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([5]), għandu jiġi interpretat fis-sens li jikkonferixxi drittijiet suġġettivi fuq l-individwi u li jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet legali Awstrijaċi li jipprovdu li l-qorti, anki fil-każ ta' nuqqas ta' trasparenza tal-għoti tal-kuntratt u qabel ma tistħarreġ talba għal proċeduri interlokutorji intiża li tipprekludi akkwisti supplimentari mill-awtorità kontraenti, għandha tiddetermina, mingħajr ma dan ikun rilevanti għad-deċiżjoni tal-qorti, it-tip ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt u l-valur (stmat) tal-kuntratt kif ukoll in-numru totali ta' deċiżjonijiet kontestabbli separatament li jirriżultaw minn proċeduri ta' għoti ta' kuntratt speċifiċi, kif ukoll, skont il-każ, il-lottijiet li jirriżultaw minn proċedura ta' għoti ta' kuntratt speċifika sabiex il-president tal-awla kompetenti jadotta ordni għar-regolarizzazzjoni għall-finijiet tal-irkupru tal-ispejjeż u, fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas, l-awla kompetenti li tisma' t-talba timponi l-ispejjeż proċedurali qabel jew mhux iktar tard miċ-ċaħda tat-talba għal proċeduri interlokutorji minħabba nuqqas li jitħallsu l-ispejjeż mitluba, taħt piena ta' telf ta' intitolament fil-konfront tar-rikorrent?

5. Fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta' ekwivalenza għandu jiġi interpretat fis-sens li jikkonferixxi drittijiet suġġettivi fuq l-individwi kontra l-Istat Membru u li jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet legali Awstrijaċi li jipprovdu li, fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' spejjeż b'rata fissa għall-preżentazzjoni ta' talba għal proċeduri interlokutorji fis-sens tad-Direttiva 89/665 fil-verżjoni fis-seħħ, awla ta' qorti amministrattiva li tippresjedi bħala qorti għandha timponi spejjeż b'rata fissa (bil-konsegwenza ta' limitazzjoni tal-possibbiltà ta' rimedji ġudizzjarji għall-parti li tħallas l-ispejjeż), filwaqt li spejjeż għal rikorsi, talbiet għal proċeduri interlokutorji u appelli fi proċeduri ġudizzjarji ċivili huma imposti, fin-nuqqas ta' ħlas, minn deċiżjoni skont il-Gerichtlichem Einbringungsgesetz (il-Liġi dwar il-Ġabra ta' Spejjeż Ġudizzjarji), u fil-każ tad-dritt amministrattiv, l-ispejjeż ta' appell għal appelli quddiem qorti amministrattiva jew quddiem il-Verfassungsgerichtshof (il-Qorti Kostituzzjonali) jew għal appelli fuq punti ta' liġi quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il Qorti Amministrattiva Suprema), huma ġeneralment imposti, fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' dawk l-ispejjeż, permezz ta' avviż tal-awtorità tat-taxxa (deċiżjoni ta' impożizzjoni fiskali) li jista' jiġi appellat quddiem qorti amministrattiva u sussegwentement, permezz ta' appell fuq punti ta' liġi quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il Qorti Amministrattiva Suprema) jew appell quddiem il-Verfassungsgerichtshof (il-Qorti Kostituzzjonali)?

6. Fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 89/665, fil-verżjoni tad-Direttiva 2014/23, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-konklużjoni ta' ftehim qafas ma' operatur ekonomiku uniku skont l-Artikolu 33(3) tad-Direttiva 2014/24 tikkostitwixxi l-konklużjoni tal-kuntratt skont l-Artikolu 2a(2) tad-Direttiva 89/665, fil-verżjoni tad-Direttiva 2014/23?

6.1. Il-formulazzjoni "kuntratti bbażati fuq dan il-ftehim" fl-Artikolu 33(3) tad-Direttiva 2014/24 għandha tiġi interpretata fis-sens li kuntratt ikun ibbażat fuq il-ftehim qafas meta l-awtorità kontraenti tattribwixxi kuntratt speċifiku espressament fuq il-bażi tal-ftehim qafas konkluż? Jew il-formulazzjoni "kuntratti bbażati fuq dan il-ftehim" għandha tiġi interpretata fis-sens li meta l-kwantità totali koperta mill-ftehim qafas skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2018, Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato – Antitrust u Coopservice [6], (punt 64), tkun diġà ġiet eżawrita, ma jkunx hemm iktar kuntratt ibbażat fuq il-ftehim qafas inizjalment konkluż?

7. Fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, id-dritt għal smigħ xieraq quddiem qorti skont l-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni li tipprovdi li l-awtorità kontraenti indikata fit-tilwima fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi għandha, fi proċeduri interlokutorji, tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa u tipproduċi d-dokumenti kollha meħtieġa, fejn in-nuqqas fiż-żewġ istanzi jista' jwassal għal deċiżjoni fil-kontumaċja, jekk l-uffiċjali jew l-impjegati ta' din l-awtorità kontraenti li huma marbuta jipprovdu din l-informazzjoni f'isem l-awtorità kontraenti jistgħu jinkorru r-riskju li jinkriminaw ruħhom skont id-dritt kriminali jekk jipprovdu l-informazzjoni jew jipproduċu d-dokumenti?

8. Fir-rigward tad-dritt għal rimedju effettiv skont l-Artikolu 47 tal-Karta u fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, ir-rekwiżit fl-Artikolu 1(1) tad- Direttiva 89/665, fil-verżjoni tad-Direttiva 2014/24, *li jipprovdi li proċeduri ta' reviżjoni fil-qasam tal-għoti tal-kuntratti għandhom, b'mod partikolari, jiżvolġu b'mod effettiv,* għandu jiġi interpretat fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet jikkonferixxu drittijiet suġġettivi u jipprekludu l-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali li jipprovdu li l-parti li tfittex rimedju ġudizzjarju permezz ta' talba għal proċeduri interlokutorji hija marbuta tispeċifika fit-talba tagħha għal proċeduri interlokutorji l-proċedura ta' għoti ta' kuntratt speċifika u d-deċiżjoni speċifika tal-awtorità kontraenti, anki fejn, fil-każ ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tal-avviż tal-kuntratt, din il-parti ma tkunx taf kemm il-proċedura għall-għoti ta' kuntratt mhux trasparenti tmexxiet mill-awtorità kontraenti u kemm ittieħdu deċiżjonijiet ta' għoti fil-proċeduri ta' għoti mhux trasparenti?

9. Fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, id-dritt għal smigħ xieraq quddiem qorti skont l-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tikkonferixxi drittijiet suġġettivi u tipprekludi l-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali li jipprovdu li l-parti li tfittex rimedju ġudizzjarju permezz ta' talba għal proċeduri interlokutorji hija marbuta tispeċifika fit-talba tagħha għal proċeduri interlokutorji l-proċedura ta' għoti ta' kuntratt speċifika u d-deċiżjoni speċifika kontestabbli separatament ta' awtorità kontraenti, anki fejn, fil-każ ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tal-avviż tal-kuntratt li ma humiex trasparenti għall-imsemmi parti, din ġeneralment ma jistax ikollha għarfien ta' kemm-il proċedura għall-għoti ta' kuntratt mhux trasparenti tmexxiet mill-awtorità kontraenti u ta' kemm ittieħdu deċiżjonijiet ta' għoti fil-proċeduri ta' għoti mhux trasparenti?

10. Fir-rigward ta’ dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, id-dritt għal smigħ xieraq quddiem qorti skont l-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tikkonferixxi drittijiet suġġettivi u tipprekludi l-applikazzjoni ta’ regoli nazzjonali li jipprovdu li l-parti li tfittex rimedju ġudizzjarju permezz ta’ talba għal proċeduri interlokutorji, hija marbuta tħallas spejjeż b’rata fissa ta’ ammont li hija ma tistax tistabbilixxi bil-quddiem peress li, fil-każ ta’ proċeduri għall-għoti ta’ kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tal-avviż tal-kuntratt li ma humiex trasparenti għall-imsemmija parti, din ġeneralment ma jistax ikollha għarfien ta’ jekk proċeduri għall-għoti ta’ kuntratt mhux trasparenti tmexxewx mill-awtorità kontraenti u, fl-affermattiv, in-numru ta’ proċeduri u l-valur tal-kuntratt stmat tagħhom u kemm-il deċiżjoni ta’ għoti kontestabbli separatament ittieħdet diġà fil-proċeduri ta’ għoti mhux trasparenti?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 246, rettifika fil-ĠU 2016, L 63, p. 44
(2) ĠU L 2014, L 94, p. 1
(3) ĠU L 2012, L 351, p. 1
(4) ĠU 2014, L 94, p. 65, rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68
(5) ĠU 2012, C 326, p. 391
(6) C-216/17, EU:C:2018:1034

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (l-Awstrija) fit-28 ta’ April 2021 – EPIC Financial Consulting Ges.m.b.H. vs Ir-Repubblika tal-Awstrija u Bundesbeschaffung GmbH**

**(Kawża C-275/21)**

(2021/C 320/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

## Qorti tar-rinviju

Bundesverwaltungsgericht

## Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* EPIC Financial Consulting Ges.m.b.H.

*Konvenuti:* Ir-Repubblika tal-Awstrija, Bundesbeschaffung GmbH

## Domandi preliminari

1. Proċeduri ta’ reviżjoni quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali), skont id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta’ Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta’ reviżjoni għall-għoti ta’ kuntratti ta’ provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi [1], fil-verżjoni tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 dwar l-għoti ta’ kuntratti ta’ konċessjoni [2], jikkostitwixxu tilwima fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta’ sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali [3]? Tali proċeduri ta’ reviżjoni kif hemm riferiment għalihom fid-domanda preċedenti jikkostitwixxu minn tal-inqas kwistjoni ċivili skont l-Artikolu 81(1) TFUE?

2. Fir-rigward ta’ dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipju ta’ ekwivalenza għandu jiġi interpretat fis-sens li jikkonferixxi drittijiet suġġettivi lill-individwi kontra l-Istat Membru u li jipprekludi l-applikazzjoni ta’ dispożizzjonijiet legali Awstrijaċi li jipprovdu li l-qorti, qabel ma tistħarreġ talba għal proċeduri ta’ reviżjoni, li għandha tkun intiża għall-annullament ta’ deċiżjoni kontestabbli separatament ta’ awtorità kontraenti, għandha tiddetermina it-tip ta’ proċedura ta’ għoti ta’ kuntratt u l-valur (stmat) tal-kuntratt kif ukoll in-numru totali ta’ deċiżjonijiet kontestabbli separatament li jirriżultaw minn proċeduri ta’ għoti ta’ kuntratt speċifiċi, kif ukoll, skont il-każ, il-lottijiet li jirriżultaw minn proċedura ta’ għoti ta’ kuntratt speċifika sabiex il-president tal-awla kompetenti sussegwentement jadotta ordni għar-regolarizzazzjoni għall-finijiet tal-irkupru tal-ispejjeż u, fil-każ ta’ nuqqas ta’ ħlas, l-awla kompetenti li tisma’ t-talba timponi l-ispejjeż proċedurali qabel jew mhux iktar tard miċ-ċaħda tat-talba għal

proċeduri ta’ reviżjoni minħabba nuqqas li jitħallsu l-ispejjeż mitluba, taħt piena ta’ telf ta’ intitolament, filwaqt li fi kwistjonijiet ċivili fl-Awstrija, bħal pereżempju, fil-każ ta’ rikorsi għad-danni jew ordnijiet għal ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, in-nuqqas ta’ ħlas tal-ispejjeż, indipendentement mill-ammont dovut, ma jipprekludix it-trattament ta’ reviżjoni u barra minn hekk, dejjem b’paragun, fl-Awstrija, in-nuqqas ta’ ħlas ta’ spejjeż għal appelli kontra d-deċiżjonijiet amministrattivi jew għal appelli fuq punti ta’ liġi kontra deċiżjonijiet ta’ qrati amministrattivi quddiem il-Verfassungsgerichtshof (il-Qorti Kostituzzjonali) jew il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema) ma jwassalx għaċ-ċaħda tal-appell minħabba nuqqas ta’ ħlas tal-ispejjeż?

2.1 Fir-rigward ta’ dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta’ ekwivalenza għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta’ dispożizzjonijiet legali Awstrijaċi li jipprovdu li l-president tal-awla li jiddeċiedi bħala imħallef uniku għandu, qabel ma jistħarreġ talba għal proċeduri interlokutorji kif prevista fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 89/665, fil-verżjoni tad-Direttiva 2014/23, jadotta ordni għar-regolarizzazzjoni għall-finijiet tal-irkupru tal-ispejjeż fin-nuqqas ta’ ħlas suffiċjenti tal-ispejjeż b’rata fissa, u dan l-imħallef uniku għandu jiċħad it-talba għal reviżjoni fil-każ ta’ nuqqas ta’ ħlas tal-ispejjeż, filwaqt li, fi kwistjonijiet ċivili fl-Awstrija, taħt il-Gerichtsgebührengesetz (il-Liġi dwar l-Ispejjeż Ġudizzjarji), ma għandhom jitħallsu ebda spejjeż ġudizzjarji addizzjonali b’rata fissa, fil-prinċipju, għal talba għal reviżjoni li titressaq flimkien ma’ rikors fl-ewwel istanza u, barra minn hekk, fir-rigward ta’ talbiet għall-għoti ta’ effett sospensiv li jitressqu flimkien ma’ appell minn deċiżjoni amministrattiva quddiem il-Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva), appell fuq punti ta’ liġi quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema), jew appell quddiem il-Verfassungsgerichtshof (il-Qorti Kostituzzjonali), li minn perspettiva funzjonali, għandhom għan identiku jew simili għal talba għal proċeduri interlokutorji, ebda spejjeż ma għandhom jitħallsu għal tali talbiet anċillari għall-għoti ta’ effett sospensiv?

3. Fir-rigward ta’ dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, ir-rekwiżit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 89/665, fil-verżjoni tad-Direttiva 2014/23, li jipprovdi li proċeduri ta’ reviżjoni għandhom jiżvolġu mill-iktar fis possibbli, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ir-rekwiżit ta’ ħeffa jikkonferixxi dritt suġġettiv għal proċeduri ta’ reviżjoni mill-iktar fis possibbli u jipprekludi l-applikazzjoni ta’ dispożizzjonijiet legali Awstrijaċi li jipprovdu li l-qorti, qabel ma tistħarreġ talba għal reviżjoni intiża għall-annullament ta’ deċiżjoni kontestabbli separatament ta’ awtorità kontraenti, għandha tiddetermina t-tip ta’ proċedura ta’ għoti ta’ kuntratt u l-valur (stmat) tal-kuntratt kif ukoll in-numru totali ta’ deċiżjonijiet kontestabbli separatament li jirriżultaw minn proċeduri ta’ għoti ta’ kuntratt speċifiċi, kif ukoll skont il-każ, il-lottijiet li jirriżultaw minn proċedura ta’ għoti ta’ kuntratt speċifika sabiex il-president tal-awla kompetenti jadotta ordni għar-regolarizzazzjoni għall-finijiet tal-irkupru tal-ispejjeż u, fil-każ ta’ nuqqas ta’ ħlas, l-awla kompetenti li tisma’ t-talba timponi l-ispejjeż proċedurali qabel jew mhux iktar tard miċ-ċaħda tat-talba għal proċeduri ta’ reviżjoni minħabba nuqqas li jitħallsu l-ispejjeż mitluba, taħt piena ta’ telf ta’ intitolament fil-konfront tar-rikorrent?

4. Fir-rigward tal-prinċipju ta’ trasparenza skont l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE [4], u ta’ dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, id-dritt għal smigħ xieraq quddiem qorti skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [5], għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta’ dispożizzjonijiet legali Awstrijaċi li jipprovdu li l-qorti, anki fil-każ ta’ nuqqas ta’ trasparenza tal-għoti tal-kuntratt u qabel ma tistħarreġ talba għal proċeduri ta’ reviżjoni intiża għall-annullament ta’ deċiżjoni kontestabbli separatament ta’ awtorità kontraenti, għandha tiddetermina t-tip ta’ proċedura ta’ għoti ta’ kuntratt u l-valur (stmat) tal-kuntratt kif ukoll in-numru totali ta’ deċiżjonijiet kontestabbli separatament li jirriżultaw minn proċeduri ta’ għoti ta’ kuntratt speċifiċi, kif ukoll, skont il-każ, il-lottijiet li jirriżultaw minn proċedura ta’ għoti ta’ kuntratt speċifika sabiex il-president tal-awla kompetenti jadotta ordni għar-regolarizzazzjoni għall-finijiet tal-irkupru tal-ispejjeż u, fil-każ ta’ nuqqas ta’ ħlas, l-awla kompetenti li tisma’ t-talba timponi l-ispejjeż proċedurali qabel jew mhux iktar tard miċ-ċaħda tat-talba għal proċeduri interlokutorji minħabba nuqqas li jitħallsu l-ispejjeż mitluba, taħt piena ta’ telf ta’ intitolament fil-konfront tar-rikorrent?

5. Fir-rigward ta’ dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta’ ekwivalenza għandu jiġi interpretat fis-sens li jikkonferixxi drittijiet suġġettivi fuq l-individwi kontra l-Istat Membru u li jipprekludi l-applikazzjoni ta’ dispożizzjonijiet legali Awstrijaċi li jipprovdu li, fil-każ ta’ nuqqas ta’ ħlas ta’ spejjeż b’rata fissa għall-preżentazzjoni ta’ talba għal proċeduri ta’ reviżjoni ta’ deċiżjonijiet ta’ awtoritajiet kontraenti fis-sens tad-Direttiva 89/665 fil-verżjoni

fis-seħħ (jew, skont il-każ, anki għall-konstatazzjoni ta' illegalità fir-rigward ta' għoti ta' kuntratt sabiex jingħata kumpens), awla ta' qorti amministrattiva li tippresjedi bħala qorti (biss) għandha timponi spejjeż b'rata fissa li ma tħallsux iżda li huma dovuti (bil-konsegwenza ta' limitazzjoni tal-possibbiltà ta' rimedji ġudizzjarji għall-parti li tħallas l-ispejjeż), filwaqt li spejjeż għal rikorsi, talbiet għal proċeduri interlokutorji u appelli fi proċeduri ġudizzjarji ċivili huma imposti, fin-nuqqas ta' ħlas, minn deċiżjoni amministrattiva skont il-Gerichtlichem Einbringungsgesetz (il-Liġi dwar il-Ġabra ta' Spejjeż Ġudizzjarji), u fil-każ tad-dritt amministrattiv, l-ispejjeż ta' appell għal appelli quddiem qorti amministrattiva jew quddiem il-Verfassungsgerichtshof (il-Qorti Kostituzzjonali) jew għal appelli fuq punti ta' liġi quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il Qorti Amministrattiva Suprema), huma ġeneralment imposti, fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' dawk l-ispejjeż, permezz ta' avviż tal-awtorità amministrattiva (deċiżjoni ta' impożizzjoni fiskali) li jista' fil-prinċipju jiġi appellat quddiem qorti amministrattiva u sussegwentement, permezz ta' appell fuq punti ta' liġi quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema) jew appell quddiem il-Verfassungsgerichtshof (il-Qorti Kostituzzjonali)?

6. Fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 89/665, fil-verżjoni tad-Direttiva 2014/23, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-konklużjoni ta' ftehim qafas ma' operatur ekonomiku uniku skont l-Artikolu 33(3) tad-Direttiva 2014/24 tikkostitwixxi l-konklużjoni tal-kuntratt skont l-Artikolu 2a(2) tad-Direttiva 89/665, fil-verżjoni tad-Direttiva 2014/23, u konsegwentement, id-deċiżjoni tal-awtorità kontraenti dwar ma' liema operatur ekonomiku uniku skont l-Artikolu 33(3) tad-Direttiva 2014/24 għandu jiġi konkluż dak il-ftehim qafas, tikkostitwixxi deċiżjoni ta' għoti ta' kuntratt skont l-Artikolu 2a(1) tad-Direttiva 89/665, fil-verżjoni tad-Direttiva 2014/23?

6.1. Il-formulazzjoni "kuntratti bbażati fuq dan il-ftehim" fl-Artikolu 33(3) tad-Direttiva 2014/24 għandha tiġi interpretata fis-sens li kuntratt ikun ibbażat fuq il-ftehim qafas meta l-awtorità kontraenti tattribwixxi kuntratt speċifiku espressament fuq il-bażi tal-ftehim qafas konkluż? Jew il-formulazzjoni "kuntratti bbażati fuq dan il-ftehim" għandha tiġi interpretata fis-sens li meta l-kwantità totali koperta mill-ftehim qafas skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2018, Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato – Antitrust u Coopservice ([6]), (punt 64), tkun diġà ġiet eżawrita, ma jkunx hemm iktar kuntratt ibbażat fuq il-ftehim qafas inizjalment konkluż?

6.2 Fil-każ li r-risposta għad-domanda 6.1 tkun fl-affermattiv:

Fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 2014/24 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-valur tal-kuntratt stmat ta' kuntratt individwali bbażat fuq il-ftehim qafas huwa dejjem il-valur tal-kuntratt stmat skont l-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 2014/24? Il-valur stmat tal-kuntratt skont l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva huwa, fil-każ ta' kuntratt uniku bbażat fuq il-ftehim qafas, il-valur tal-kuntratt li jinsilet mill-applikazzjoni tal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur tal-kuntratt stmat għal provvista ta' kuntratt uniku bbażata fuq il-ftehim qafas?

7. Fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, id-dritt għal smigħ xieraq quddiem qorti skont l-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni li tipprovdi li l-awtorità kontraenti indikata fit-tilwima fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi għandha, fi proċeduri interlokutorji, tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa u tipproduċi d-dokumenti kollha meħtieġa, fejn in-nuqqas fiż-żewġ istanzi jista' jwassal għal deċiżjoni fil-kontumaċja, jekk l-uffiċjali jew l-impjegati ta' din l-awtorità kontraenti li huma marbuta jipprovdu din l-informazzjoni f'isem l-awtorità kontraenti jistgħu jinkorru r-riskju li jinkriminaw ruħhom skont id-dritt kriminali jekk jipprovdu l-informazzjoni jew jipproduċu d-dokumenti?

8. Fir-rigward tad-dritt għal rimedju effettiv skont l-Artikolu 47 tal-Karta u fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, ir-rekwiżit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 89/665, fil-verżjoni tad-Direttiva 2014/24, *li jipprovdi li proċeduri ta' reviżjoni fil-qasam tal-għoti tal-kuntratti għandhom, b'mod partikolari, jiżvolġu b'mod effettiv,* għandu jiġi interpretat fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet jikkonferixxu drittijiet suġġettivi u jipprekludu l-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali li jipprovdu li l-parti li tfittex rimedju ġudizzjarju permezz ta' talba għal proċeduri ta' reviżjoni hija marbuta tispeċifika fit-talba tagħha għal proċeduri ta' reviżjoni l-proċedura ta' għoti ta' kuntratt speċifika f'kull każ u d-deċiżjoni speċifika tal-awtorità kontraenti, anki fejn, fil-każ ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tal-avviż tal-kuntratt, li ma humiex trasparenti għall-imsemmi parti, din ġeneralment ma jistax ikollha għarfien ta' jekk l-awtorità kontraenti wettqitx proċeduri għall-għoti diretti taħt id-dritt nazzjonali li ma humiex trasparenti għall-applikant jew innegozjatx proċeduri mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tal-avviż tal-kuntratt, li ma humiex trasparenti għall-applikant, jew jekk proċedura ta' għoti ta' kuntratt waħda jew iktar twettqux ma' deċiżjoni kontestabbli waħda jew iktar?

9. Fir-rigward ta’ dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, id-dritt għal smigħ xieraq quddiem qorti skont l-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tikkonferixxi drittijiet suġġettivi u tipprekludi l-applikazzjoni ta’ regoli nazzjonali li jipprovdu li l-parti li tfittex rimedju ġudizzjarju permezz ta’ talba għal proċeduri interlokutorji hija marbuta tispeċifika fit-talba tagħha għal proċeduri ta’ reviżjoni l-proċedura ta’ għoti ta’ kuntratt speċifika u d-deċiżjoni speċifika kontestabbli separatament ta’ awtorità kontraenti, anki fejn, fil-każ ta’ proċeduri għall-għoti ta’ kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tal-avviż tal-kuntratt, li ma humiex trasparenti għall-imsemmi parti, din ġeneralment ma jistax ikollha għarfien ta’ jekk l-awtorità kontraenti wettqitx proċeduri għall-għoti diretti taħt id-dritt nazzjonali li ma humiex trasparenti għall-applikant jew innegozjatx proċeduri mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tal-avviż tal-kuntratt, li ma humiex trasparenti għall-applikant, jew jekk proċedura ta’ għoti ta’ kuntratt waħda jew iktar twettqux ma’ deċiżjoni kontestabbli waħda jew iktar?

10. Fir-rigward ta’ dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, id-dritt għal smigħ xieraq quddiem qorti skont l-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tikkonferixxi drittijiet suġġettivi u tipprekludi l-applikazzjoni ta’ regoli nazzjonali li jipprovdu li l-parti li tfittex rimedju ġudizzjarju permezz ta’ talba għal proċeduri ta’ reviżjoni hija marbuta tħallas spejjeż b’rata fissa ta’ ammont li hija ma tistax tistabbilixxi fil-mument li titressaq it-talba, peress li, fil-każ ta’ proċeduri għall-għoti ta’ kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tal-avviż tal-kuntratt li ma humiex trasparenti għall-imsemmija parti, din ġeneralment ma jistax ikollha għarfien ta’ jekk l-awtorità kontraenti wettqitx proċeduri għall-għoti diretti taħt id-dritt nazzjonali li ma humiex trasparenti għall-applikant jew innegozjatx proċeduri mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tal-avviż tal-kuntratt, u ta’ kemm huwa għoli l-valur tal-kuntratt stmat fil-każ ta’ kwalunkwe proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tal-avviż tal-kuntratt li setgħet titwettaq, jew ta’ kemm-il deċiżjoni ta’ għoti kontestabbli separatament ittieħdet diġà?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 246, rettifika fil-ĠU 2016, L 63, p. 44
(2) ĠU L 2014, L 94, p. 1
(3) ĠU L 2012, L 351, p. 1
(4) ĠU 2014, L 94, p. 65, rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68
(5) ĠU 2012, C 326, p. 391
(6) C-216/17, EU:C:2018:1034

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fil-5 ta’ Mejju 2021 – Staatlich genehmigte Gesellschaft der Autoren, Komponisten und Musikverleger regGenmbH (AKM) vs Canal+ Luxembourg Sàrl**

**(Kawża C-290/21)**

(2021/C 320/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberster Gerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Staatlich genehmigte Gesellschaft der Autoren, Komponisten und Musikverleger regGenmbH (AKM)

*Konvenut:* Canal+ Luxembourg Sàrl

*Partijiet oħra:* Tele 5 TM-TV GmbH, Österreichische Rundfunksender GmbH & Co. KG, Seven.One Entertainment Group GmbH, ProsiebenSat 1 PULS 4 GmbH

**Domandi preliminari**

1. L-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE tas-27 ta' Settembru 1993 dwar il-kordinazzjoni ta' ċerti regoli dwar id-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati ma' drittijiet ta' l-awtur applikabbli għal xandir bis-satellita u ritrasmissjoni bil-cable ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li ma hijiex biss l-organizzazzjoni tax-xandir, iżda wkoll fornitur ta' pakkett ta' satelliti involut fl-att indiviżibbli u uniku tax-xandir, li jwettaq att ta' użu – li fi kwalunkwe każ jeħtieġ kunsens – biss fl-Istat fejn, taħt il-kontroll u r-responsabbiltà tal-organizzazzjoni tax-xandir, is-sinjali li jittrażmettu l-programm jiġu inklużi f'katina ta' komunikazzjoni mhux interrotta diretta li twassal għas-satellita u lura lejn id-dinja, bil-konsegwenza li l-involviment tal-fornitur tal-pakkett ta' satelliti fl-att tax-xandir ma jistax jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-awtur fl-Istat ta' riċezzjoni?

2. Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:

   Il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" fl-Artikolu 1(2)(a) u (c) tad-Direttiva 93/83 kif ukoll fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni ([2]), għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fornitur ta' pakkett ta' satelliti li jkun involut bħala operatur ieħor f'komunikazzjoni lill-pubbliku bis-satellita, jiġbor f'pakkett kompost minnu, diversi sinjali kriptati ta' definizzjoni għolja ta' programmi televiżivi b'xejn u bi ħlas ta' diversi organizzazzjonijiet tax-xandir u joffri bi ħlas il-prodott indipendenti awdjoviżiv kompost b'dan il-mod lill-konsumaturi tiegħu, għandu jikseb awtorizzazzjoni separata mingħand id-detenturi tad-drittijiet ikkonċernati anki fir-rigward tal-kontenut protett fil-programmi televiżivi b'xejn inklużi fil-pakkett ta' programmi, minkejja li f'dan ir-rigward huwa sempliċement jagħti aċċess lill-konsumaturi tiegħu għal xogħlijiet diġà aċċessibbli gratwitament lil kulħadd fiż-żona tax-xandir, għalkemm bi kwalità ta' definizzjoni standard ta' livell inferjuri?

---

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 134.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17 Vol. 1, p. 230.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fit-12 ta' Mejju 2021 – UI vs Österreichische Post AG**

**(Kawża C-300/21)**

(2021/C 320/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberster Gerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* UI

*Konvenut:* Österreichische Post AG

**Domandi preliminari**

1) L-għoti ta' kumpens taħt l-Artikolu 82 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) ([1]) jeżiġi, minbarra ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, li r-rikorrent ikun sofra dannu, jew il-ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data huwa suffiċjenti minnu nnifsu għall-għoti ta' kumpens?

2) Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kumpens, jeżistu, minbarra l-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza, rekwiżiti oħra tad-dritt tal-Unjoni?

3) Il-pożizzjoni skont liema l-għoti ta’ kumpens għal dannu morali jippreżupponi l-eżistenza ta’ konsegwenza jew effett tal-ksur tad-dritt li għandhom ta’ mill-inqas ċertu piż u li jmorru lil hinn minn skuntentizza kkawżata mill-ksur tad-dritt hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni?

(1) ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

---

**Appell ippreżentat fis-17 ta’ Mejju 2021 minn Aquind Ltd, Aquind Energy Sàrl, Aquind SAS mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fil-5 ta’ Marzu 2021 fil-Kawża T-885/19, Aquind *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-310/21 P)**

(2021/C 320/25)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Aquind Ltd, Aquind Energy Sàrl, Aquind SAS (rappreżentanti: S. Goldberg, E. White, C. Davis, Solicitors)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, Ir-Renju ta’ Spanja, Ir-Repubblika Franċiża

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-digriet appellat;

— tiddeċiedi li r-rikors fl-ewwel istanza huwa fondat u tannulla r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (EU) 2020/389 (1) sa fejn japplika għall-appellanti; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti fil-kuntest tal-appell u fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellanti jsostnu li r-Regolament Delegat 2020/389 kellu jitqies li huwa att definittiv il-ġurnata li fih dan ġie adottat u mhux fil-ġurnata tad-dħul fis-seħħ tiegħu, li kien suġġett għall-assenza ta’ oġġezzjoni mill-Parlament jew mill-Kunsill. Għaldaqstant, dan ir-regolament seta’ jiġi kkontestat saħansitra qabel id-data tal-pubblikazzjoni tiegħu. L-appellanti jqisu għalhekk, konsegwentement, li l-Qorti Ġenerali applikat b’mod mhux korrett il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-atti li ma jistgħux jiġu kkontestati.

(1) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/389 tal-31 ta’ Ottubru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista tal-Unjoni ta’ proġetti ta’ interess komuni (ĠU 2020, L 74, p. 1).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja) fit-18 ta’ Mejju 2021 – CM vs TimePartner Personalmanagement GmbH**

**(Kawża C-311/21)**

(2021/C 320/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesarbeitsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* CM

*Konvenut:* TimePartner Personalmanagement GmbH

**Domandi preliminari**

1) Kif huwa ddefinit il-kunċett ta' "protezzjoni ġenerali tal-ħaddiema temporanji" imsemmi fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija ([1]) u dan il-kunċett għandu b'mod partikolari portata iktar wiesgħa minn dik li jipprevedu b'mod vinkolanti d-dritt nazzjonali u d-dritt tal-Unjoni Ewropea fil-qasam ta' protezzjoni tal-ħaddiema kollha?

2) Liema kundizzjonijiet u liema kriterji għandhom jiġu ssodisfatti sabiex jiġi kkunsidrat li dispożizzjonijiet fi ftehim kollettiv fil-qasam ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, li jidderogaw mill-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament stabbilit fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/104 saru b'rispett tal-protezzjoni ġenerali ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija?

   a) L-eżami tar-rispett tal-protezzjoni ġenerali huwa bbażat – b'mod astratt – fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol miftiehma kollettivament tal-ħaddiema temporanji li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' tali ftehim kollettiv jew għandha ssir kunsiderazzjoni evalwattiva u komparattiva bejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol miftiehma kollettivament u l-kundizzjonijiet tax-xogħol eżistenti fl-impriża fejn ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija tqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha (impriża utenti)?

   b) F'każ ta' deroga mill-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tar-remunerazzjoni, ir-rispett tal-protezzjoni ġenerali previst fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2008/104 jeżiġi l-eżistenza ta' relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat bejn impriża ta' xogħol temporanju u l-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija?

3) Il-kundizzjonijiet u l-kriterji fil-qasam ta' rispett tal-protezzjoni ġenerali tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, fis-sens tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2008/104, għandhom jiġu imposti fuq l-imsieħba soċjali mil-leġiżlatur nazzjonali meta dan tal-aħħar jagħtihom il-possibbiltà li jikkonkludu ftehimiet kollettivi li jinkludu dispożizzjonijiet li jidderogaw mir-rekwiżit ta' ugwaljanza fit-trattament fil-qasam ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija u meta s-sistema nazzjonali ta' nnegozjar kollettiv tipprevedi rekwiżiti li jagħtu lok għal aspettattiva ta' konċiljazzjoni adegwata tal-interessi bejn il-partijiet fil-ftehimiet kollettivi (l-hekk imsejħa preżunzjoni ta' korrettezza tal-ftehimiet kollettivi)?

4) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tielet domanda:

   a) Ir-rispett tal-protezzjoni ġenerali tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija fis-sens tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2008/104, huwa żgurat minn dispożizzjonijiet legali li, bħal dawk li jinsabu fil-verżjoni fis-seħħ sa mill-1 ta' April 2017 tal-Arbeitnehmerüberlassungsgesetz (il-Liġi dwar it-Tqegħid għad-Dispożizzjoni ta' Ħaddiema), jipprevedu livell minimu ta' salarju għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, tul ta' żmien massimu għat-tqegħid għad-dispożizzjoni mal-istess impriża utenti, limitazzjoni fiż-żmien tad-deroga mill-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-qasam ta' remunerazzjoni, in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-ftehim kollettiv li tidderoga mill-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija li, fis-sitt xhur qabel it-tqegħid għad-dispożizzjoni tagħhom lill-impriża utenti, ikunu telqu l-impjieg tagħhom magħha jew ma' persuna oħra li timpjega li tifforma mal-impriża utenti grupp fis-sens tal-Artikolu 18 tal-Aktiengesetz (il-Liġi dwar il-Kumpanniji Pubbliċi ta' Responsabbiltà Limitata), kif ukoll l-obbligu għall-impriża utenti li tagħti lill-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija, fil-prinċipju fl-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikabbli għall-ħaddiema permanenti tal-impriża, aċċess għal strutturi jew servizzi kollettivi (bħalma huma, b'mod partikolari, faċilitajiet għall-indukrar ta' tfal, catering kollettiv u ta' mezzi ta' trasport)?

   b) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din id-domanda:

      Dan japplika wkoll meta d-dispożizzjonijiet legali rilevanti, bħal dawk li jinsabu fil-verżjoni tal-Liġi dwar it-Tqegħid għad-Dispożizzjoni ta' Ħaddiema fis-seħħ sa mill-31 ta' Marzu 2017 ma jipprevedu ebda limitazzjoni fiż-żmien tad-deroga mill-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-qasam ta' remunerazzjoni u meta r-rekwiżit li t-tqegħid għad-dispożizzjoni għandu jkun biss "temporanju" ma jkunx ippreċiżat f'termini ta' tul ta' żmien?

5) Jekk it-tielet domanda tingħata risposta fin-negattiv:

   Fil-każ ta' dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija li jidderogaw mill-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament permezz ta' ftehimiet kollettivi skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2008/104, il-qrati nazzjonali jistgħu jistħarrġu mingħajr restrizzjoni dawn il-ftehimiet kollettivi sabiex jistabbilixxu jekk id-derogi kinux ġew stabbiliti b'rispett tal-protezzjoni ġenerali tal-ħaddiema temporanji permezz ta'

aġenzija jew inkella l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u/jew ir-riferiment għall-“awtonomija ta’ l-imsieħba soċjali” fil-premessa 19 tad-Direttiva 2008/104 jeżiġu li tingħata lill-partijiet fil-ftehimiet kollettivi, f’dak li jikkonċerna r-rispett tal-protezzjoni ġenerali tal-ħaddiema temporanji permezz ta’ aġenzija, setgħa diskrezzjonali li hija suġġetta biss għal stħarriġ ġudizzjarju limitat u, – fl-affermattiv – sa fejn testendi din is-setgħa diskrezzjonali?

(1) ĠU 2008, L 327, p. 9.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Belġju) fil-21 ta’ Mejju 2021 – Monument Vandekerckhove NV vs Stad Gent, partijiet oħra: Denys NV, Aelterman BVBA**

**(Kawża C-316/21)**

(2021/C 320/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Raad van State

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Monument Vandekerckhove NV

*Konvenut:* Stad Gent

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Denys NV, Aelterman BVBA

**Domandi preliminari**

1) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 63(1) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (1), ikkunsidrat waħdu u flimkien mal-portata tal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-ugwaljanza fit-trattament, in-nondiskriminazzjoni u t-trasparenza fil-qasam ta’ kuntratti pubbliċi, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta l-awtorità kontraenti tikkonstata li entità li operatur ekonomiku jagħmel użu mill-kapaċitajiet tagħha ma tissodisfax il-kriterji ta’ selezzjoni, hija għandha l-obbligu li titlob lill-operatur is-sostituzzjoni tal-entità jew għandha l-possibbiltà li titlob is-sostituzzjoni jekk l-operatur irid li jintgħażel?

2) Abbażi tal-prinċipji ta’ ugwaljanza fit-trattament, ta’ nondiskriminazzjoni u ta’ trasparenza, kif ukoll skont l-iżvolġiment tal-proċedura għall-għoti, jeżistu ċirkustanzi li fihom l-awtorità kontraenti ma għandhiex (iktar) jew ma tistax (iktar) teżiġi li titwettaq sostituzzjoni?

(1) ĠU 2014, L 94, p. 65, rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-25 ta’ Mejju 2021 – Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid vs B**

**(Kawża C-323/21)**

(2021/C 320/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Raad van State

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid

*Konvenut:* B.

**Domandi preliminari**

1) a) Il-kunċett ta' "Stat Membru rikjedenti" fis-sens tal-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ifisser l-Istat Membru (f'dan il-każ, it-tielet Stat Membru, jiġifieri r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi) li kienl-aħħar wieħed li ressaq, quddiem Stat Membru ieħor, talba għall-finijiet ta' teħid lura jew ta' teħid ta' inkarigu?

b) Jekk ir-risposta tkun fin-negattiv, iċ-ċirkustanza li ftehim dwar talba kien ġie konkluż preċedentement bejn żewġ Stati Membri (f'dan il-każ ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Taljana) għad għandha konsegwenzi fuq l-obbligi legali tat-tielet Stat Membru (f'dan il-każ, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi) skont ir-Regolament ta' Dublin fir-rigward tal-barrani jew tal-Istati Membri kkonċernati minn dan il-ftehim dwar talba preċedenti u, fl-affermattiv, liema?

2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv, l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Nru 604/2013, moqri fid-dawl tal-premessa 19 ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li, fil-kuntest ta' rimedju ġudizzjarju kontra deċiżjoni ta' trasferiment, applikant għal protezzjoni internazzjonali isostni b'suċċess li t-trasferiment ma jistax iseħħ peress li t-terminu għal trasferiment miftiehem preċedentement bejn żewġ Stati Membri (f'dan il-każ, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Taljana) skada?

([1]) ĠU 2013, L 180, p. 31, rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-25 ta' Mejju 2021 – Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid, parti oħra: F.**

**(Kawża C-324/21)**

(2021/C 320/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Raad van State

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid

*Parti oħra:* F.

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li terminu ta' trasferiment li qed jiddekorri kif previst fl-Artikolu 29(1) u (2) jerġa' jibda jiddekorri fil-mument li fih, wara li jkun ostakola t-trasferiment minn Stat Membru billi ħarab, il-barrani jressaq fi Stat Membru ieħor (f'dan il-każ, Stat Membru terz) applikazzjoni ġdida għal protezzjoni internazzjonali?

([1]) ĠU 2013, L 180, p. 31, rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-25 ta' Mejju 2021 – K., parti oħra: Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid**

**(Kawża C-325/21)**

(2021/C 320/30)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Raad van State

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* K.

*Parti oħra:* Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida [1] għandu jiġi interpretat fis-sens li terminu ta' trasferiment li qed jiddekorri kif previst fl-Artikolu 29(1) u (2) jerġa' jibda jiddekorri fil-mument li fih, wara li jkun ostakola t-trasferiment minn Stat Membru billi ħarab, il-barrani jressaq fi Stat Membru ieħor (f'dan il-każ, Stat Membru terz) applikazzjoni ġdida għal protezzjoni internazzjonali?

2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv, l-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013, moqri fid-dawl tal-premessa 19 ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi, fil-kuntest ta' rimedju ġudizzjarju kontra deċiżjoni ta' trasferiment, lil applikant għal protezzjoni internazzjonali milli jinvoka b'suċċess il-fatt li dan it-trasferiment ma jistax iseħħ għaliex it-terminu għal trasferiment miftiehem preċedentment bejn żewġ Stati Membri (f'dan il-każ, ir-Repubblika Franċiża u r-Repubblika tal-Awstrija) skada, bil-konsegwenza li t-terminu li fih ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jista' jagħmel it-trasferiment skada?

[1] ĠU 2013, L 180, p. 31, rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven administrativen sad (il-Bulgarija) fit-2 ta' Ġunju 2021 – PV vs Zamestnik izpalnitelen direktor na Darzhaven fond "Zemedelie"**

**(Kawża C-343/21)**

(2021/C 320/31)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Varhoven administrativen sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* PV

*Konvenut:* Zamestnik izpalnitelen direktor na Darzhaven fond "Zemedelie"

**Domandi preliminari**

1. L-Artikolu 45(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) [1] jista' jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ineżami hemm "tqassim mill-ġdid tal-azjenda" jew "miżuri ta' konsolidazzjoni", b'tali mod li l-benefiċjarju ma jinsabx f'pożizzjoni li jkompli jonora l-impenji meħuda?

2. Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, fil-każ li l-Istat Membru jonqos milli jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex l-impenji tal-benefiċjarju jiġu adattati għas-sitwazzjoni l-ġdida tal-azjenda, ikun hemm ġustifikazzjoni sabiex ma jintalabx ir-rimbors fir-rigward tal-perijodu li matulu kien effettiv l-impenn?

3. Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv, kif għandu jiġi interpretat, fil-kuntest fattwali stabbilit fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 [2], u x'natura għandu t-terminu previst fl-Artikolu 75(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid [3]?

(1) ĠU 2008, L 322M, p. 305.
(2) ĠU 2009, L 30, p. 16, rettifika fil-ĠU 2010, L 43, p. 7.
(3) ĠU 2009, L 316, p. 65, rettifika fil-ĠU 2013, L 246, p. 3.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Østre Landsret (id-Danimarka) fit-28 ta' Mejju 2021 – A1 u A2 vs I**

**(Kawża C-352/21)**

(2021/C 320/32)

*Lingwa tal-kawża: id-Daniż*

**Qorti tar-rinviju**

Østre Landsret

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* A1 u A2

*Konvenut:* I

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali [1], moqri flimkien mal-Artikolu 16(5) tal-istess regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-assigurazzjoni ta' opri tal-baħar rikreazzjonali li ma jintużawx għall-finijiet kummerċjali taqa' taħt l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 16(5) ta' dan ir-regolament u, għaldaqstant, kuntratt ta' assigurazzjoni li jinkludi klawżola dwar l-attribuzzjoni ta' ġurisdizzjoni li tidderoga mill-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament huwa validu skont l-Artikolu 15(5) tal-istess regolament?

(1) ĠU 2012, L 351, p. 1

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Bamberg (il-Ġermanja) fil-11 ta' Ġunju 2021 – Proċeduri kriminali kontra MR

**(Kawża C-365/21)**

(2021/C 320/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Oberlandesgericht Bamberg

### Partijiet fil-kawża prinċipali

MR

### Domandi preliminari

1) L-Artikolu 55 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen [1] (iktar 'il quddiem il-"KIFS") huwa kompatibbli mal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jibqa' validu, sa fejn jawtorizza l-eċċezzjoni mill-prinċipju *ne bis in idem*, li parti kontraenti tista', fil-mument tar-ratifikazzjoni, tal-aċċettazzjoni jew tal-approvazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, tiddikjara li ma hijiex marbuta mal-Artikolu 54 tal-KIFS, meta l-fatti msemmija fis-sentenza barranija jikkostitwixxu reat kontra s-sigurtà tal-Istat jew interessi oħra ugwalment essenzjali ta' din il-parti kontraenti?

2) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

   L-Artikoli 54 u 55 tal-KIFS u l-Artikoli 50 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jipprekludu interpretazzjoni mill-qrati Ġermaniżi tad-dikjarazzjoni magħmula mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fil-mument tar-ratifikazzjoni tal-KIFS fir-rigward tal-Artikolu 129 tal-iStrafgesetzbuch (il-Kodiċi Kriminali Ġermaniż) (Bundesgesetzblatt 1994 II, 631), li tipprovdi li din id-dikjarazzjoni tkopri wkoll organizzazzjonijiet kriminali – bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali – li jwettqu esklużivament ksur kontra l-patrimonju u li, barra minn hekk, ma jfittxu ebda għan politiku, ideoloġiku, reliġjuż jew filosofiku u lanqas ma jfittxu li jeżerċitaw influwenza fuq il-politika, il-midja, l-amministrazzjoni pubblika, il-ġustizzja jew l-ekonomija permezz ta' mezzi żleali?

[1] Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 2, p. 9)

---

## Appell ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2021 mil-Bank Ċentrali Ewropew mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fl-14 ta' April 2021 fil-Kawża T-504/19, Crédit lyonnais vs BĊE

**(Kawża C-389/21 P)**

(2021/C 320/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Appellant:* Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: C Zilioli, R. Ugena, M. Ioannidis, F. Bonnard, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedura:* Crédit lyonnais

### Talbiet

— Tannulla s-sentenza appellata;

— Tikkundanna lil Crédit lyonnais għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Il-BĊE isostni li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata minħabba li l-Qorti Ġenerali:

— qabżet il-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju, billi ssostitwixxiet l-evalwazzjoni tagħha stess ta' elementi ekonomiċi kumplessi ma' dik tal-BĊE, bi ksur tal-istandard stabbilit mill-qorti tal-Unjoni fil-qasam;

— kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, billi ma ppermettietx lill-BĊE li jifhem kif l-evalwazzjoni tiegħu tal-garanzija doppja tal-Istat mogħtija fil-kuntest tat-tfaddil irregolat setgħet tkun ivvizzjata bi żball;

— żnaturat l-elementi li kienu ġew ippreżentati lilha waqt it-tilwima, billi għamlet qari manifestament żbaljat kemm tad-deċiżjoni kkontestata fl-ewwel istanza (Deċiżjoni ECB-SSM-2019-FRCAG-39 tat-3 ta' Mejju 2019) kif ukoll tal-metodoloġija applikata mill-BĊE u li fid-dawl tagħha t-talba għal eżenzjoni mressqa mill-Crédit lyonnais kellha tiġi eżaminata;

— kisret il-punt 94 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 575/2013 (1) billi żiedet mad-definizzjoni tar-riskju tal-lieva finanzjarja eċċessiva kriterji li ma jidhrux fiha, kif ukoll kisret l-Artikolu 429(14) tar-Regolament Nru 575/2013 dwar l-eżenzjoni mill-kalkolu tal-proporzjon tal-lieva finanzjarja ta' ċerti espożizzjonijiet, billi ċaħdet il-BĊE mis-setgħa diskrezzjonali li dan l-artikolu jagħtih.

(1) Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 208, p. 68, fil-ĠU 2013, L 321, p. 6), kif emendat bir- Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/62 tal- 10 ta' Ottubru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-proporzjon ta' ingranaġġ (ĠU 2015, L 11, p. 37, rettifika fil-ĠU 2017, L 60, p. 64).

---

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Mejju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgerichtshof – l-Awstrija) – B vs Finanzamt Österreich, li kien Finanzamt Wien 9/18/19**

**(Kawża C-1/20)** (1)

(2021/C 320/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(1) ĠU C 137, 27.4.2020.

---

**Digriet tal-President tas-Sitt Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Mejju 2021 – Vanda Pharmaceuticals Ltd vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-115/20 P)** (1)

(2021/C 320/36)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(1) ĠU C 137, 27.4.2020.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Mejju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Judicial da Comarca dos Açores – il-Portugall) – NM, NR, BA, XN, FA vs Sata Air Açores – Sociedade Açoriana de Transportes Aéreos, SA**

**(Kawża C-578/20)** ([1])

(2021/C 320/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 28, 25.1.2021.

# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta’ Ġunju 2021 – BZ vs BĊE**

**(Kawża T-554/16)** ([1])

***(“Servizz pubbliku – Persunal tal-BĊE – Talba għar-rikonoxximent li marda hija kkaġunata mix-xogħol – Artikoli 6.3.11 sa 6.3.13 tar-regoli applikabbli għall-persunal tal-BĊE – Irregolarità tal-proċedura – Assenza ta’ rapport ta’ investigazzjoni – Responsabbiltà mhux kuntrattwali”)***

(2021/C 320/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* BZ (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: E. Carlini u F. Malfrère, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u fuq l-Artikolu 50a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-BĊE tat-23 ta’ Lulju 2014 li għalqet il-proċedura għar-rikonoxximent li l-marda tar-rikorrent hija kkaġunata mix-xogħol u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-danni materjali u morali li allegatament sostna r-rikorrent bħala riżultat ta’ dik id-deċiżjoni.

**Dispożittiv**

1) Id-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) tat-23 ta’ Lulju 2014 li għalqet il-proċedura għar-rikonoxximent li l-marda ta’ BZ hija kkaġunata mix-xogħol hija annullata.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) Il-BĊE hija kkundannata għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 279, 24.8.2015 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru T-79/15 u ttrasferita quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta’ Ġunju 2021 – FD vs Impriża Konġunta Fusion for Energy**

**(Kawża T-641/19)** ([1])

***(“Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Kuntratt għal żmien determinat – Deċiżjoni ta’ nuqqas ta’ tiġdid – Fastidju psikoloġiku – Użu ħażin ta’ poter – Dmir ta’ premura – Ugwaljanza fit-trattament – Reponsabbiltà”)***

(2021/C 320/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* FD (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)

*Konvenut:* Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (rappreżentanti: R. Hanak u G. Poszler, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament, essenzjalment, tad-deċiżjoni tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni tat-3 ta 'Diċembru 2018 li ma jiġix imġedded il-kuntratt għal żmien determinat tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-danni materjali u morali li r-rikorrent allegatament ġarrab bħala riżultat ta' din id-deċiżjoni, dwar strateġija globali ta' fastidju li tagħha huwa jqis li kien il-vittma.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) FD huwa kkundannat għall-ispejjeż.

---

(1) ĠU C 383, 11.11.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2021 – GW vs Il-Qorti tal-Awdituri**

**(Kawża T-709/19)** (1)

***("Servizz pubbliku – Uffiċjali – Uffiċjal b'invalidità totali permanenti – Eżami mediku perijodiku – Modalitajiet – Talba għal riferiment lill-Kumitat tal-Invalidità – Rifjut – Artikolu 15 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal – Konklużjoni Nru 273/15 tal-Kulleġġ tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni – Dmir ta' premura")***

(2021/C 320/40)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* GW (rappreżentant: J.-N. Louis, avukat)

*Konvenut:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (rappreżentant: C. Lesauvage, aġent)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Awdituri tat-22 ta' Mejju 2019 li tiċħad it-talba tar-rikorrent għal riferiment lill-Kumitat tal-Invalidità.

**Dispożittiv**

1) Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea tat-22 ta' Mejju 2019 li tiċħad it-talba ta' GW għal riferiment lill-Kumitat tal-Invalidità hija annullata.

2) Il-Qorti tal-Awdituri hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

(1) ĠU C 413, 9.12.2019.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta’ Ġunju 2021 – GY vs BĊE**

**(Kawża T-746/19)** ([1])

***(“Servizz pubbliku – Persunal tal-BĊE – Remunerazzjoni – Allowance tad-dar – Bidla tal-iskema applikabbli – Ċaħda tat-talba għas-sena 2019 – Eċċezzjoni ta’ illegalità – Ugwaljanza fit-trattament – Assenza ta’ miżuri tranżitorji”)***

(2021/C 320/41)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* GY (rappreżentanti: L. Levi u A. Champetier, avukati)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: F. von Lideiner u D. Nessaf, aġenti, assistiti minn B. Wagenbaur, avukat)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u fuq l-Artikolu 50a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-BĊE tat-28 ta’ Jannar 2019 li ma jagħtix l-allowance tad-dar lir-rikorrent għas-sena 2019.

**Dispożittiv**

1) Id-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) tat-28 ta’ Jannar 2019 hija annullata sa fejn din tirrifjuta l-għoti tal-allowance tad-dar għas-sena 2019 lil GY.

2) Il-BĊE huwa kkundannat għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 36, 3.2.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta’ Ġunju 2021 – Mélin vs Il-Parlament**

**(Kawża T-51/20)** ([1])

***(“Dritt istituzzjonali – Regoli dwar il-ħlas ta’ spejjeż u allowances lill-Membri tal-Parlament – Allowance ta’ assistenza parlamentari – Rkupru tas-somom imħallsa indebitament – Eċċezzjoni ta’ illegalità – Drittijiet tad-difiża – Żball ta’ fatt”)***

(2021/C 320/42)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Joëlle Mélin (Aubagne, Franza) (rappreżentant: F. Wagner, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: M. Ecker u S. Seyr, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament tas-17 ta’ Diċembru 2019 dwar l-irkupru mir-rikorrenti ta’ somma ta’ EUR 130 339,35 indebitament imħallsa bħala assistenza parlamentari u tan-nota ta’ debitu relatata magħha tat-18 ta’ Diċembru 2019.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Joëlle Mélin hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

([1]) ĠU C 87, 16.3.2020.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Ġunju 2021 – Il-Portugall vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-95/21 R)**

***("Proċeduri għal miżuri provviżorji – Għajnuna mill-Istat – Skema ta' għajnuna eżegwita mill-Portugall favur iż-Żona Franka ta' Madeira – Applikazzjoni ta' din l-iskema ta' għajnuna bi ksur tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2007) 3037 final u C(2013) 4043 final – Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tal-għajnuna – Talba għal miżuri provviżorji – Nuqqas ta' urġenza")***

(2021/C 320/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, L. Borrego, P. Barros da Costa, M. Marques u A. Soares de Freitas, aġenti, assistiti minn M. Gorjão-Henriques u A. Saavedra, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Arenas u G. Braga da Cruz, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għall-għoti ta' miżuri provviżorji bil-għan, minn naħa, li tinkiseb is-sospensjoni mill-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 8550 final tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' għajnuna SA.21259 (2018/C) (ex 2018/NN) eżegwita mill-Portugall favur iż-Żona Ħielsa ta' Madeja (ŻĦM) – Skema III u, min-naħa l-oħra, li l-Kummissjoni tiġi ordnata ma tippubblikax din id-deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sakemm tingħata sentenza fil-kawża prinċipali.

**Dispożittiv**

1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

2) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Ġunju 2021 – Polynt vs ECHA**

**(Kawża T-207/21 R)**

***("Miżuri provviżorji – REACH – Sustanza hexahydro-4-methylphthalic anhydride – Obbligu ta' reġistrazzjoni – Evalwazzjoni tal-fajls – Eżami tal-proposti ta' provi – Obbligu li tingħata ċerta informazzjoni li teħtieġ testijiet fuq l-annimali – Talba għal miżuri provviżorji – Nuqqas ta' urġenza")***

(2021/C 320/44)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Polynt SpA (Scanzorosciate, l-Italja) (rappreżentanti: C. Mereu, P. Sellar u S. Abdel Qader, avukati)

*Konvenut:* Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (rappreżentanti: M. Heikkilä, W. Broere u N. Knight, aġenti)

**Suġġett**

Talba abbażi tal-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni A-015-2019 tal-Bord tal-Appell tal-ECHA, tad-9 ta' Frar 2021, li teżiġi li r-rikorrenti twettaq studju estiż ta' tossiċità għar-riproduzzjoni fuq ġenerazzjoni (EOGRTS) tas-sustanza hexahydro-4-methylphthalic anhydride jew għall-għoti ta' kull miżura provviżorja oħra li titqies xierqa.

**Dispożittiv**

1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

2) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Mejju 2021 – eSlovensko vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-295/21)**

(2021/C 320/45)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* eSlovensko (Lučenec, Slovakkja) (rappreżentant: B. Fridrich, lawyer)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, konkretament, l-att ġuridiku individwali "Ordni ta' rkupru u nota ta' debitu" adottat mill-Kummissjoni Ewropea, DG Networks ta' Komunikazzjoni, Kontenut u Teknoloġija, Ref. ARES(2021) 1955613, tat-18 ta' Marzu 2021;

— tibgħat lura l-każ quddiem il-Kummissjoni Ewropea sabiex din tiddeċiedi dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji u l-eliġibbiltà tal-ispejjeż inkwistjoni skont il-ftehim ta' sussidji "Slovak Safer Internet", SI-2010-SIC-1231002;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq it-talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenuta u tal-ordni ta' rkupru ARES(2021) 1955613 minħabba ksur tal-forma proċedurali essenzjali, ksur tat-trattati jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni legali relatata mal-applikazzjoni tagħhom, użu ħażin ta' poter, b'mod partikolari evalwazzjoni żbaljata fid-dritt tal-fatti (ksur tad-drittijiet tad-difiża, ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba, ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, ksur tal-prinċipji tal-Istat ta' dritt, ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' non-retroattività, evalwazzjoni ġuridika żbaljata tal-fatti u tal-konklużjonijiet tal-awditu 12-INFS-024 u tal-awditu segwenti 15-NR01044).

2. It-tieni motiv ibbażat fuq it-talba sabiex il-konvenuta tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż eliġibbli lir-rikorrenti inkwantu benefiċjajra oriġinali u parti kontraenti tal-ftehim ta' sussidju SI-2010-SIC-123002 "Slovak Safer Internet" b'konformità mal-ftehim ta' sussidju validu u fis-seħħ abbażi tal-fatt li l-konvenuta kellha l-kompetenza meħtieġa sabiex tittratta l-kwistjonijiet ta' implimentazzjoni tal-proġett u ta' trasferimenti finanzjarji marbuta mal-kuntratt validu u fis-seħħ bejn il-konvenuta u r-rikorrenti.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq it-talba sabiex il-konvenuta tiġi kkundannata tirrimborsa l-ispejjeż proċedurali. Fid-dawl tal-argumenti preċedenti u tan-natura arbitrarja tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti titlob ir-rimbors tal-ispejjeż relatati mal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-ispejjeż sostnuti għall-assistenza ġuridika marbuta ma' din it-talba.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Mejju 2021 – SU vs EIOPA**

**(Kawża T-296/21)**

(2021/C 320/46)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* SU (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, lawyers)

*Konvenut:* L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-15 ta' Lulju 2020 li l-kuntratt tar-rikorrenti ma jiġix imġedded;

— tannulla r-rapport ta' evalwazzjoni għall-2019 tar-rikorrenti;

— sa fejn huwa neċessarju, tannulla d-deċiżjoni tal-11 ta' Frar 2021 li tiċħad l-ilment;

— tagħti kumpens lir-rikorrenti għad-dannu materjali, kif ikkalkolat fir-rikors tagħha;

— tagħti kumpens lir-rikorrenti għad-dannu morali, kif evalwat *ex aequo et bono* għal EUR 10 000;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt moviti, li kollha kemm huma jinvokaw l-allegata illegalità tar-rapport ta' evalwazzjoni għall-2019 u tad-deċiżjoni ta' nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt iżda minħabba raġunijiet differenti, kif espost hawn taħt

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li r-rapport ta' evalwazzjoni għall-2019 ma kienx iffinalizzat kif xieraq u li r-rapport dwar it-tiġdid tal-kuntratt (CRR) kien ibbażat fuq rapport ta' evalwazzjoni mhux iffinalizzat.

   — Ir-rikorrenti tqis li r-rapport ta' evalwazzjoni għall-2019 huwa illegali sa fejn ma kienx iffinalizzat kif xieraq b'deċiżjoni mmotivata tal-evalwatur tal-appelli. Hija tqis ukoll li d-deċiżjoni għan-nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt hija wkoll illegali sa fejn hija kienet ibbażata fuq ir-rapport ta' evalwazzjoni għall-2019, li ma kienx iffinalizzat.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' imparzjalità, tal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Persunal u tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

   — Skont it-tqassim tal-kompiti u r-responsabbiltajiet fi ħdan l-EIOPA, id-Direttur Eżekuttiv ingħata l-kompitu li jaġixxi bħala l-evalwatur tal-appelli u l-Awtorità li għandha s-Setgħa tikkonkludi Kuntratti ta' Impjieg (ASTK) f'dan il-każ, li la jiżgura l-imparzjalità fil-proċess ta' evalwazzjoni għall-2019 u lanqas fid-deċiżjoni li l-kuntratt tar-rikorrenti ma jiġġeddidx.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għal smigħ u tal-obbligu ta’ motivazzjoni, kur tal-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal, tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni u tal-punti 6.7, 6.9 u 6.10 tal-proċedura ta’ tiġdid ta’ kuntratti tal-EIOPA.

   — Ir-rikorrenti tqis li d-dritt tagħha għal smigħ u l-obbligu ta’ motivazzjoni ġew miksura fir-rigward kemm tad-deċiżjoni ta’ nuqqas ta’ tiġdid tal-kuntratt kif ukoll tal-evalwazzjoni għall-2019 tagħha.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq żball manifest ta’ evalwazzjoni, assenza ta’ evalwazzjoni diliġenti tal-aspetti kollha tal-każ u ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, flimkien ma ksur tal-Artikoli 4 u 6.5 tal-proċedura ta’ tiġdid ta’ kuntratti.

   — F’dan il-każ, l-evalwazzjoni tal-konvenuta hija illegali, ivvizzjata bi żball manifest ta’ evalwazzjoni u bi ksur tal-obbligu ta’ amministrazzjoni tajba għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-kriterji l-oħra li għalihom hemm riferiment fl-Artikolu 4 tal-proċedura ta’ tiġdid ta’ kuntratti u b’mod partikolari, l-evalwazzjonijiet preċedenti tal-prestazzjoni pożittiva tar-rikorrenti. It-tieni nett, il-motivazzjonijiet mogħtija mill-konvenuta fir-rigwad tal-prestazzjoni tar-rikorrenti fl-2019 u fl-2020 huma manifestament żbaljati u infondati.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u s-sitwazzjoni tal-familja – ksur tal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni.

   — Ir-rikorrenti tqis li ġarrbet diskriminazzjoni minħabba l-perijodi ta’ leave u l-modalità tax-xogħol tagħha, u li d-deċiżjoni li l-kuntratt tagħha ma jiġġeddidx hija vvizzjata b’diskriminazzjoni u tikkostitwixxi ritaljazzjoni.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq ksur tad-dmir ta’ diliġenza.

   — Skont id-dmir ta’ diliġenza, l-amministrazzjoni għandha mhux biss tieħu inkunsiderazzjoni l-interess tad-dipartiment iżda wkoll l-interessi tal-persunal. Skont ir-rikorrenti, dan ma sarx.

---

## Rikors ippreżentat fit-30 ta’ Mejju 2021 – eSlovensko Bratislava vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-304/21)

(2021/C 320/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* eSlovensko Bratislava (Bratislava, is-Slovakkja) (rappreżentant: B. Fridrich, avukat)

*Konvenut:* Il-Kumissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, b’mod konkret, l-att ġuridiku individwali “Tmiem tal-Azzjoni” adottat mill-Kummissjoni Ewropea, INEA, Nru ARES(2021)1953853, maħruġ fit-30 ta’ Marzu 2021;

— tibgħat lura l-azzjoni quddiem il-Kummissjoni Ewropea u quddiem l-INEA u tqis il-ftehim ta’ azzjoni u ta’ sussidju bħala validu u mhux mitmum skont il-ftehim ta’ sussidju Nru INEA/CEF/ICT/A2015/1154788 għall-proġett “Slovak Safer Internet Centre IV”, Nru 2015-SK-IA-0038;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tirrimborsa l-ispejjeż tal-proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Tmiem tal-Azzjoni" Ref. ARES(2021) 1953853, minħabba ksur ta' rekwiżit formali essenzjali, ksur tat-Trattati jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni legali relatata mal-applikazzjoni tagħhom, jew użu ħażin ta' poter, b'mod partikolari evalwazzjoni legali irregolari ta' fatti u ta' konstatazzjonijiet (ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba, ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tal-prinċipju ta' ċertezza legali, tal-Istat tad-dritt, tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi u tal-evalwazzjoni legali żbaljata ta' fatti u ta' konstatazzjonijiet tat-talba għal ħlas finali fil-proġett 2015-SK-IA-0038 Slovak Safer Internet Centre IV).

2. It-tieni motiv ibbażat fuq li t-talba għal ħlas finali fir-rigward tal-proġett "Slovak Safer Internet Centre IV" tintbagħat lura quddiem il-Kummissjoni u quddiem l-INEA għall-evalwazzjoni tagħha u l-implimentazzjoni tal-kompetenza ta' kontroll kif ukoll sabiex jiġu ssodisfatti l-obbligi kuntrattwali bbażati fuq ftehim ta' sussidju Nru INEA/CEF/ICT/A2015/1154788 u li l-Kummissjoni tiġi ordnata tipproċedi għall-ħlas finali tal-ispejjeż eliġibbli lir-rikorrenti, skont il-ftehim ta' sussidju validu u effettiv, minħabba l-fatt li l-Kummissjoni għandha l-kompetenza li titratta kwistjonijiet ta' implimentazzjoni ta' proġett u trasferimenti finanzjarji taħt il-kuntratt validu u effettiv bejn il-Kummissjoni u r-rikorrenti.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq li l-Kummissjoni tiġi ordnata tirrimborsa l-ispejjeż tal-proċedura. Skont l-argumenti msemmija iktar 'il fuq kif ukoll in-natura arbitrarja tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, ir-rikorrenti titlob rimbors tal-ispejjeż konnessi mal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropa kif ukoll l-ispejjeż għall-għajnuna legali fir-rigward ta' din it-talba.

---

## Rikors ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2021 – TC vs Il-Parlament

**(Kawża T-309/21)**

(2021/C 320/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* TC (rappreżentant: D. Aukštuolytės, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Marzu 2021;

— tannulla n-nota ta' debitu Nru. 7010000523 maħruġa mill-Parlament Ewropew fil-31 ta' Marzu 2021;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv li jallega li l-Parlament, mingħajr ġustifikazzjoni, adotta d-deċiżjoni tiegħu tardivament b'mod irraġonevoli u inġust, billi naqas milli josserva l-prinċipju li għandha tittieħed azzjoni fi żmien raġjonevoli fil-proċeduri amministrattivi stabbiliti fl-Artikoli 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'dan il-mod, inkisru d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent b'riżultat tal-bidu tardiv tal-proċeduri ta' rkupru fil-konfront tiegħu, peress li dak il-perijodu ċaħħdu mill-opportunità li jiddefendi lilu nnifsu b'mod effettiv kontra l-allegazzjonijiet imressqa u milli jressaq il-provi.

2. It-tieni motiv li jallega li d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew, li fuqha kienet ibbażata n-nota ta' debitu, bħala miżura legali li tolqot lir-rikorrent, kienet adottata bi ksur tal-prinċipji ta' proċedura imparzjali u ġusta, ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent:

— Il-Parlament kiser l-obbligu ta' motivazzjoni u d-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrent skont l-Artikolu 41(2)(a) u (c) tal-Karta billi bbaża d-deċiżjoni kkontestata fuq id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li r-rikorrent ma pparteċipax fiha u li ma kellux l-opportunità li jinstema fiha;

— Il-Parlament ma pprovdiex lir-rikorrent bil-provi li fuqhom huwa bbaża indirettament id-deċiżjoni kkontestata, u lanqas ma pprovda lir-rikorrent b'informazzjoni neċessarja oħra sabiex ikun jista' jeżerċita b'mod xieraq id-dritt ta' smigħ xieraq tiegħu (li jippreżenta osservazzjonijiet) bi ksur tal-Artikolu 41(2)(a) u (b) tal-Karta.

3. It-tielet motiv, li jallega li l-Parlament wettaq żball ta' evalwazzjoni, sa fejn il-Parlament naqas milli jevalwa l-provi mressqa mir-rikorrenti li kkonfermaw li l-kwistjonijiet imsemmija mill-assistent quddiem il-Qorti Ġenerali li l-Parlament jibbaża ruħu fuqhom u li abbażi tagħhom inbdew il-proċeduri ta' rkupru huma żbaljati (jikkonfermaw li l-investigazzjoni nbdiet mingħajr ġustifikazzjoni) u ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni stabbilit fl-Artikolu 41(2)(c) tal-Karta.

4. Ir-raba' motiv, li jallega li l-Parlament kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità u l-obbligu ta' motivazzjoni stabbilit fl-Artikolu 296 TFUE u fl-Artikolu 41(2)(c) tal-karta, sa fejn l-ammont li għandu jitħallas lura kien stabbilit għal EUR 78 838,21. Is-somma li għandha titħallas lura ma ġietx speċifikata fid-dettall, u b'hekk id-deċiżjoni kkontestata tassumi li l-assistent parlamentari qatt ma ħadem għar-rikorrent.

5. Il-ħames motiv, li jallega li informazzjoni pubblika disponibbli għall-Parlament tikkonferma li l-assistent parlamentari wettaq il-funzjonijiet tiegħu sal-15 ta' Diċembru 2015, li jindika li ma kienx raġonevoli li jinbdew proċeduri ta' rkupru tal-fondi u b'hekk id-deċiżjoni għandha tiġi annullata.

---

## Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2021 – Airoldi Metalli vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-328/21)**

(2021/C 320/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Airoldi Metalli SpA (Molteno, l-Italja) (rappreżentanti: M. Campa, M. Pirovano, D. Rovetta, G. Pandey, P. Gjørtler u V. Villante, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/546 tad-29 ta' Marzu 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ([1]);

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż rispettivi tar-rikorrenti u tagħha nnifisha f'din il-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u ta' żvelar tar-rikorrenti.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni ta' dannu u tal-kawżalità fir-rigward tal-metodoloġija, tal-informazzjoni u tal-proċedura applikata, u fuq ksur tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem, ir-"Regolament Bażiku") ([2]).

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 1(2) u tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Bażiku minħabba definizzjoni inkorretta tal-prodott ikkonċernat.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 1(2) u tal-Artikolu 3 tar-Regolament Bażiku kif ukoll fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-portata tal-prodott ikkonċernat kif ukoll fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat għal skopijiet ta' analiżi tad-dannu u tal-kawżalità (NM Kodiċi 7610 90 90).

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament Bażiku inkwantu l-Kummissjoni wettqet għażla żbaljata tal-pajjiż "rappreżentattiv xieraq".

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament Bażiku dwar l-istatus legali tar-rapport li permezz tiegħu l-Kummissjoni tistabbilixxi l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikati fis-suq f'ċertu pajjiż jew f'ċertu settur f'dak il-pajjiż. Ir-rikorrenti ssostni li hemm ksur tar-Regolament Nru 1/1958 li jistabbilixxi r-reġim lingwistiku tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika ([3]) u tad-drittijiet fundamentali tagħha, ladarba hija ma setgħetx tirċievi l-imsemmi rapport fil-lingwa Taljana.

([1]) ĠU 2021, L 109, p. 1.
([2]) ĠU 2016, L 176, p. 21.
([3]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 5.

---

## Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2021 – EWC Academy vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-330/21)

(2021/C 320/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrent:* EWC Academy GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Daubler-Gmelin, avukata)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla u tirrevoka d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (EMPL), EMPL.B.2/AP/ab; Ref. Ares (2021) tal-14 ta 'April 2021;

— tobbliga lill-Kummissjoni tadotta deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni legali;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin.

1. Id-deċiżjoni ta' ċaħda tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2021 hawn ikkontestata ma tosservax is-sens tal-Artikolu 197(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE ([1]) ikkunsidrat flimkien mas-sejħa għal offerti VP/2020/008 u applikat dawn id-dispożizzjonijiet għal Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej b'mod li huwa legalment inammissibbli. Ir-rekwiżit għall-applikanti tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej li jipproduċu prova tal-baġit tagħhom stess, tal-karta tal-bilanċ annwali u tal-kont bankarju tagħhom bħala prova ta' stabbiltà u kapaċità finanzjarja jeskludi, sa mill-bidu nett

mill-finanzjament, il-biċċa l-kbira tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej, li ma humiex mogħtija personalità ġuridika mir-regoli nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2009/38/KE ([2]). Dan jikser il-prinċipju ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni u fl-istess ħin huwa dijametrikament oppost għall-għan tal-programm ta' finanzjament.

2. Peress li r-restrizzjoni tal-grupp ta' persuni eliġibbli li jissottomettu applikazzjonijiet ma hijiex imsemmija fis-sejħa għal offerti, u peress li s-sejħa kienet tindirizza espressament lill-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej Brittaniċi, fost oħrajn, mingħajr limitazzjoni, ir-restrizzjoni tikser ukoll il-prinċipju fundamentali ta' trasparenza tal-Unjoni.

3. L-interpretazzjoni tad-deċiżjoni ta' ċaħda u l-applikazzjoni tagħha għall-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej iwasslu wkoll għal trattament preferenzjali inammissibbli tal-impriżi li, bħala msieħba soċjali, ġeneralment jintalbu fis-sejħa għal offerti VP/2020/008 jissottomettu proġetti ta' finanzjament xierqa.

---

([1]) Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36).

([2]) Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (tfassil mill-ġdid) (ĠU 2009, L 122, p. 28).
Richtlinie 2009/38/EG des Europäischen Parlaments und des Rates vom 6. Mai 2009 über die Einsetzung eines Europäischen Betriebsrats oder die Schaffung eines Verfahrens zur Unterrichtung und Anhörung der Arbeitnehmer in gemeinschaftsweit operierenden Unternehmen und Unternehmensgruppen (Neufassung) (ABl. 2009, L 122, S. 28).

---

## Rikors ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2021 – mBank vs EUIPO – European Marchant Bank (EMBANK European Merchant Bank)

**(Kawża T-331/21)**

(2021/C 320/51)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* mBank S.A. (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentanti: E. Skrzydło-Tefelska u K. Gajek, lawyers)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* European Marchant Bank UAB (Vilnjus, il-Litwanja)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea EMBANK European Merchant Bank – Trade mark tal-Unjoni Nru 18 048 966

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat–30 ta' Marzu 2021 fil-Każ R 1845/2020-5

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 95(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625.

---

## Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2021 – Mendes de Almeida vs Il-Kunsill

## (Kawża T-334/21)

(2021/C 320/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ana Carla Mendes de Almeida (Sobreda, il-Portugall) (rappreżentanti: R. Leandro Vasconcelos u M. Marques de Carvalho, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2021 dwar l-ilment u l-ilment komplementari mressqa mir-rikorrenti bis-saħħa tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea kontra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1117 tas-27 ta' Lulju 2020 li taħtar il-Prosekuturi Ewropej tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (ĠU 2020, L 244, p. 18), fil-parti fejn din taħtar lil José Eduardo Moreira Alves d'Oliveira Guerra, wieħed mit-tliet kandidati inizjalment innominati mill-Portugall, fil-kariga ta' Prosekutur Ewropew tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew bħala membru tal-persunal temporanju fil-grad AD 13, għal perijodu ta' tliet snin li ma jistax jiġġedded, mid-29 ta' Lulju 2020.

— tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1117 tas-27 ta' Lulju 2020 li taħtar il-Prosekuturi Ewropej tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, fil-parti fejn din taħtar lil José Eduardo Moreira Alves d'Oliveira Guerra fil-kariga ta' Prosekutur Ewropew tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew bħala membru tal-persunal temporanju fil-grad AD 13, għal perijodu ta' tliet snin li ma jistax jiġġedded, mid-29 ta' Lulju 2020;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż taż-żewġ partijiet.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, inkwantu l-Kunsill iqis li ma huwiex "Awtorità tal-Ħatra" ("AIPN") skont l-Artikolu 1(1) u (2) tar-Regolamenti tal-Persunal, moqri flimkien mal-Artikolu 6 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra, meta jipproċedi għall-ħatra tal-Prosekuturi Ewropej skont l-Artikolu 96(1) tar-Regolament 2017/1939.

2) It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tar-regoli applikabbli għall-ħatra tal-Prosekuturi Ewropej li jiggarantixxu l-prinċipju ta' indipendenza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Ir-rikorrenti tinvoka li l-kontestazzjoni mill-Gvern Portugiż, permezz ta' ittra mibgħuta lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-29 ta' Novembru 2019, tal-klassifikazzjoni magħmula mill-bord tal-għażla msemmi fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (EU) 2017/1939, tal-kandidati proposti mill-gvern tagħhom stess, liema kontestazzjoni kienet tindika kandidat differenti minn dak tal-preferenza tiegħu u l-aċċettazzjoni ta' dan il-kandidat mil-Kunsill, tqiegħed inkwistjoni l-istruttura tal-proċedura ta' ħatra tal-Prosekuturi Ewropej.

3) It-tielet motiv, ibbażat fuq żball manifest dwar il-motivi tad-deċiżjoni. Ir-rikorrenti tallega, b'mod partikolari, li l-ittra tad-29 ta' Novembru 2019, mibgħuta mill-Gvern Portugiż lill-Kunsill, kienet tinkludi żewġ żbalji gravi rrikonoxxuti bħala tali mill-Gvern innifsu. Dawn kienu, ir-riferiment għall-kandidat ippreferit tal-Gvern Portugiż, għal sitt darbiet bħala "Assistent Prokuratur Ġenerali José Guerra", u l-affermazzjoni li l-istess prokuratur kellu pożizzjoni investigatorja u akkużatorja f'kawża importanti fil-qasam ta' reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

4) Ir-raba' motiv, ibbażat fuq użu ħażin ta' poter. Ir-rikorrenti tallega li l-għanijiet li bis-saħħa tagħhom ġew attribwiti l-kompetenzi lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-ambitu tal-proċedura ta' selezzjoni u ta' ħatra tal-Prosekuturi Ewropej, jikkonsistu f'li tiġi żgurata l-indipendenza tal-organu kif ukoll li jiġu maħtura kandidati nazzjonali iktar ikkwalifikati u li joffru l-garanziji kollha ta' indipendenza għall-eżerċizzju tal-inkarigu ta' Prokuratur Ewropew.

5) Il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba. Ir-rikorrenti tallega li, sa fejn il-Kunsill eskluda il-parir tal-bord tal-għażla, u, għalhekk, tal-ordni ta' prijorità bbażat fuq ir-riżultat tal-evalwazzjoni ta' dan il-kumitat, motiv ġenerali fil-forma ta' sempliċi riferiment singolu għal "evalwazzjoni differenti tal-merti tal-kandidati mwettqa fl-istanzi preparatorji kompetenti tal-Kunsill" huwa ekwivalenti għal assenza total ta' motivazzjoni li ma tippermettix lir-rikorrenti tkun taf bil-motivazzjoni għalfejn hija ġiet eskluża.

6) Is-sitt motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni. Ir-rikorrenti tallega li l-Kunsill, billi għamel "evalwazzjoni differenti tal-merti tal-kandidati mwettqa fl-istanzi preparatorji kompetenti tal-Kunsill" sa fejn għandha x'taqsam ir-rikorrenti, kiser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni.

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 2021 – Mendus vs EUIPO (CENSOR.NET)**

**(Kawża T-336/21)**

(2021/C 320/53)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Iaroslav Mendus (Kiev, l-Ukraina) (rappreżentant: P. Kurcman, lawyer)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea CENSOR.NET – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 975 929

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' April 2021 fil-Każ R 1225/2020-1

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata għal servizzi li għalihom ġiet irrifjutata r-reġistrazzjoni;

— tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Operazzjonijiet tas-17 ta' April 2020 fil-proċedura ta' applikazzjoni Nru 17 975 929 għal servizzi li għalihom ġiet irrifjutata r-reġistrazzjoni;

— tibgħat lura l-kawża lill-EUIPO sabiex ikun jista’ jemenda d-deċiżjoni fuq is-sustanza tal-każ u jirreġistra t-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 17 975 929 fir-rigward tas-servizzi kollha koperti;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Operazzjonijiet, il-Bord tal-Appell u l-Qorti Ġenerali.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-18 ta’ Ġunju 2021 – F I S I vs EUIPO – Verband der Deutschen Daunen- und Federnindustrie (ECODOWN)**

**(Kawża T-338/21)**

(2021/C 320/54)

*Lingwa tar-rikors: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* F I S I Fibre sintetiche SpA (Oggiono, l-Italja) (rappreżentanti: G. Cartella u B. Cartella, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Verband der Deutschen Daunen- und Federnindustrie (Mainz, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “ECODOWN” – Trade mark tal-Unjoni Nru 2 756 740

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta’ kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta’ April 2021 fil-Każ R 216/2020-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— u konsegwentement, tiddeċiedi fuq il-mertu favur il-validità tar-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 2 756 740;

— tikkundanna lill-parti l-oħra għall-ispejjeż tal-kawża, inklużi dawk tal-proċedimenti quddiem l-EUIPO.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(g) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Kunsiderazzjoni żbaljata tal-provi prodotti mir-rikorrenti fuq il-karattru distintiv miksub mis-sinjal minħabba l-użu.

---

## Rikors ippreżentat fil-21 ta’ Ġunju 2021 – Rauff-Nisthar vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-341/21)

(2021/C 320/55)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Nadya Rauff-Nisthar (Pfinztal, il-Ġermanja) (rappreżentant: N. de Montigny, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tad-9 ta’ Marzu 2020 kif ukoll id-deċiżjoni dwar l-eżami mill-ġdid tad-19 ta’ Awwissu 2020 tal-Kumitat ta’ Selezzjoni tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) dwar il-Kompetizzjoni EPSO/AD/371/19 (AD7) – 6 – Amministraturi tar-Riċerka Xjentifika li ma tinkludix isem ir-rikorrenti fil-lista ta’ riżerva;

— safejn meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tal-15 ta’ Marzu 2021;

— titlob il-produzzjoni tat-testijiet u riżultati, għal kull test, tal-kompetizzjoni, dwar ir-rikorrenti fuq ir-riżultati tal-istadju sussegwenti sabiex ikunu jistgħu jiġu evalwati materjalment ir-riżultati marbuta ma’ kull irregolarità u l-importanza tal-konsegwenzi tal-istress ikkawżat mill-irregolaritajiet ikkonstatati konformement mal-Artikolu 91 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali;

— tisma’ lill-konvenuta kkundannata għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq l-inugwaljanza fit-trattament ikkawżata mill-irregolaritajiet li seħħew matul it-testijiet u influwenzaw ir-riżultati tal-kompetizzjoni. Dan il-motiv huwa diviż f’erba’ partijiet.

1. L-ewwel parti, ibbażata fuq l-okkorrenza ta’ żbalji tekniċi fl-organizzazzjoni tat-testijiet tal-kompetizzjoni EPSO/AD/371/19 (AD7) – 6 – Amministraturi tar-Riċerka Xjentifika, żbalji rrikonoxxuti mill-amministrazzjoni u li wasslu għal stress ogħla għar-rikorrenti matul it-testijiet.

2. It-tieni parti, ibbażata fuq l-assenza ta’ diliġenza tal-amministrazzjoni u l-assenza ta’ reazzjoni minnha sabiex tikkoreġi l-imsemmija żbalji.

3. It-tielet parti, ibbażata fuq l-assenza ta’ teħid inkunsiderazzjoni tal-iżbalji fl-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tar-rikorrenti u l-assenza ta’ implimentazzjoni ta’ proċeduri li jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-kandidati.

4. Ir-raba’ parti, ibbażata fuq l-iżball manifest ta’ evalwazzjoni tal-prestazzjoni tar-rikorrenti.

---

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2021 – Hypo Vorarlberg Bank vs SRB**

**(Kawża T-347/21)**

(2021/C 320/56)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Hypo Vorarlberg Bank AG (Bregenz, l-Awstrija) (rappreżentanti: G. Eisenberger u A. Brenneis, avukati)

*Konvenut:* Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni tal-14 ta' April 2021 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għas-sena 2021 lill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB/ES/2021/22), inklużi l-annessi tagħha, fi kwalunkwe każ sa fejn dik id-deċiżjoni, inklużi l-annessi tagħha, tikkonċerna l-ammont li għandu jitħallas mir-rikorrenti;

— tissospendi l-proċedura skont l-Artikolu 69(c) u/jew (d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali sakemm tingħata d-deċiżjoni definittiva fil-Kawżi (magħquda) C-584/20 P ([1]) u C-621/20 P ([2]), C-663/20 P ([3]) u C-664/20 P ([4]) peress li dawn il-proċeduri ta' appell, li diġà ilhom pendenti għal żmien twil, jikkonċernaw fil-parti l-kbira l-istess kwistjonijiet ta' liġi;

— tikkundanna lill-Bord Uniku ta Riżoluzzjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni sħiħa tad-deċiżjoni kkontestata

   — Id-deċiżjoni kkontestata ma kinitx ġiet ikkomunikata b'mod sħiħ lir-rikorrenti bi ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 TUE, l-Artikoli 15, 296 u 298 TFUE kif ukoll l-Artikoli 42 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). L-għarfien tal-informazzjoni mhux ikkomunikata bħala element ċentrali tad-deċiżjoni huwa neċessarju, sabiex jiġu mifhuma u eżaminati l-kalkoli tal-kontribuzzjoni.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali minħabba nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata

   — Id-deċiżjoni kkontestata tikser l-obbligu ta' motivazzjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, kif ukoll l-Artikolu 41(1) u (2)(ċ) tal-Karta, peress li biss ftit riżultati parzjali magħżula tal-kalkoli saru pubbliċi. Fir-rigward tas-setgħat diskrezzjonali tal-konvenut, ma ġiex spjegat liema evalwazzjonijiet saru minn dan tal-aħħar u għal liema raġunijiet.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali minħabba assenza ta' seduta u minħabba ksur tad-dritt għal smigħ

   — Bi ksur tal-Artikolu 41(1) u (2)(a) tal-Karta, ir-rikorrenti ma ngħatatx id-dritt li tinstema' la qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u lanqas qabel il-ħruġ tal-avviż ta' ħlas tal-kontribuzzjoni bbażat fuq dik id-deċiżjoni. Possibbiltà effettiva li tiġi fformulata osservazzjoni ma kinitx ġiet ipprovduta lanqas permezz tal-proċedura ta' konsultazzjoni introdotta reċentement.

4. Ir-raba motiv ibbażat fuq l-illegalità tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/63 ([5]) bħala bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata jew illegalità fil-metodu tal-aġġustament tar-riskju stabbilit fir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/63.

   — Fil-kuntest tar-raba' motiv ir-rikorrenti ssostni li l-Artikoli 4 sa 7 u 9 kif ukoll l-Anness I tar-Regolament ta' Delega 2015/63 – li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata – joħolqu sistema mhux trasparenti sabiex jiġu stabbiliti kontribuzzjonijiet, bi ksur tal-Artikoli 16, 17, 41 u 47 tal-Karta u fejn ma hemmx konformità mal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta kif ukoll mal-osservanza tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq illegalità tad-Direttiva 2014/59/UE [6] u tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 [7] bħala bażi legali tar-Regolament ta’ Delega 2015/63 u għalhekk għad-deċiżjoni kkontestata

— Sussidjarjament, ir-rikorrenti, fil-ħames motiv tagħha, tikkontesta bħala illegali dawk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/59/UE u tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 li kienu jimponu s-sistema ta’ kontribuzzjoni stabbilita bir-Regolament ta’ Delega 2015/63 u ma jistgħux jiġu interpretati b’konformità mad-dritt primarju, u għalhekk jiksru l-prinċipju ta’ obbligu ta’ motivazzjoni għal atti ġuridiċi, il-prinċipju ta’ ċertezza legali kif ukoll it-Trattati (b’mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 TUE, l-Artikoli 15, 296 u 298 TFUE) u l-Karta (b’mod partikolari l-Artikoli 16, 17, 41, 42 u 47 tal-Karta).

(1) GU 2020, C 423, p. 32.
(2) GU 2020, C 443, p. 17.
(3) GU 2021, C 44, p. 33.
(4) ĠU 2021, C 44, p. 35.
(5) Ir-Regolament ta’ Delega (UE) 2015/63 tal-21 ta’ Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-arranġamenti ta’ finanzjament ta’ riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44, rettifika fil-ĠU 2017, L 156, p. 38).
(6) Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu u ditti ta’ investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).
(7) Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta’ Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta’ Ġunju 2021 – Volkskreditbank vs SRB**

**(Kawża T-348/21)**

(2021/C 320/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Volkskreditbank AG (Linz, l-Awstrija) (rappreżentanti: G. Eisenberger u A. Brenneis, avukati)

*Konvenut:* Il-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni (SRB)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni tal-14 ta’ April 2021 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet lill-Fond Uniku ta’ Riżoluzzjoni miġbura *ex ante* għas-sena 2021 (SRB/ES/2021/22), inklużi l-annessi, u f’kull każ sa fejn din id-deċiżjoni, inklużi l-annessi, tirrigwarda l-ammont li għandu jitħallas mir-rikorrenti;

— tissospendi l-proċedura skont l-Artikolu 69(c) u/jew (d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali sakemm tingħata deċiżjoni definittiva fil-Kawżi (magħquda) C-584/20 P [1] u C-621/20 P [2], C-663/20 P [3] u C-664/20 P [4], peress li dawn l-appelli, li ilhom pendenti għal ċertu żmien, iqajmu fil-parti l-kbira l-istess kwistjonijiet ta’ liġi;

— tikkundanna lill-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni għall-ispejjeż tal-proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi, li huma identiċi għal dawk invokati fil-Kawża T-347/21, Hypo Vorarlberg Bank vs SRB.

(1) ĠU 2020, C 423, p. 32.
(2) ĠU 2020, C 443, p. 17.
(3) ĠU 2021, C 44, p. 33.
(4) ĠU 2021, C 44, p. 35.

---

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Ġunju 2021 – KTM Fahrrad vs EUIPO – KTM (R2R)**

**(Kawża T-353/21)**

(2021/C 320/58)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* KTM Fahrrad GmbH (Mattighofen,, l-Awstrija) (rappreżentant: V. Hoene, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* KTM AG (Mattighofen, l-Awstrija)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "R2R" – Trade mark tal-Unjoni Nru 17 886 364

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' April 2021 fil-Każ R 261/2020-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni ta' kanċellazzjoni Nru 22964C tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-4 ta' Diċembru 2019 u d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' April 2021 li tikkonfermaha, inkluża l-kundanna għall-ispejjeż, u tiċħad it-talba għall-kanċellazzjoni tal-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell;

— sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni ta' kanċellazzjoni Nru 22964C tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-4 ta' Diċembru 2019 u d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' April 2021 li tikkonfermaha, inkluża l-kundanna għall-ispejjeż, u tiċħad it-talba għall-kanċellazzjoni tal-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell, sa fejn huma kkonċernati l-vetturi u l-partijiet ta' vetturi – sa fejn huma inklużi fil-klassi 12 – jiġifieri l-vetturi tal-art u l-partijiet tagħhom;

— iktar sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni ta' kanċellazzjoni Nru 22964C tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-4 ta' Diċembru 2019 u d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' April 2021 li tikkonfermaha, inkluża l-kundanna għall-ispejjeż, u tiċħad it-talba għall-kanċellazzjoni tal-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell, sa fejn huma kkonċernati l-vetturi u l-partijiet ta' vetturi – sa fejn huma inklużi fil-klassi 12 – jiġifieri r-roti u l-vetturi b'żewġ roti u l-partijiet tagħhom.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fil-25 ta’ Ġunju 2021 – Portigon vs SRB**

**(Kawża T-360/21)**

(2021/C 320/59)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Portigon AG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Bliesener, V. Jungkind u F. Gever, avukati)

*Konvenut:* Il-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni (SRB)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut tal-14 ta’ April 2021 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet miġbura bil-quddiem għall-fond uniku ta’ riżoluzzjoni għall-2021 (Ref.: SRB/ES/2021/22), sa fejn id-deċiżjoni tikkonċerna lir-rikorrenti;

— tissospendi l-proċedura taħt l-Artikolu 69(c) u (d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali sakemm tingħata deċiżjoni finali jew b’xi mod ieħor jintemmu l-Kawżi T-413/18 ([1]), T-481/19 ([2]), T-339/20 ([3]) u T-424/20 ([4]), u C-664/20 P ([5]);

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/81 ([7]) u tat-TFUE peress li jrendi lir-rikorrenti responsabbli li tikkontribwixxi għall-fond

   — Il-konvenut b’mod żbaljat issuġġetta lir-rikorrenti għall-obbligu li tikkontribwixxi, peress li r-Regolament Nru 806/2014 u d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) ma jipprovdux għal obbligu ta’ kontribuzzjoni għall-istituzzjonijiet taħt riżoluzzjoni.

   — Il-leġiżlatur ma kellux jibbaża l-obbligu ta’ ħlas ta’ kontribuzzjonijiet fuq l-Artikolu 114 TFUE minħabba nuqqas ta’ rabta mas-suq intern. Ir-regoli armonizzati ta’ kontribuzzjoni fl-Unjoni kollha la għamluha iktar faċli li jiġu eżerċitati l-libertajiet fundamentali u lanqas ma eliminaw distorsjonijiet notevoli tal-kompetizzjoni fir-rigward ta’ istituzzjonijiet li rtiraw mis-suq.

   — Il-konvenut b’mod żbaljat issuġġetta lir-rikorrenti għall-obbligu li tikkontribwixxi, peress li l-istituzzjoni ma kinitx esposta għal riskju, ir-riżoluzzjoni ġiet eskluża taħt ir-Regolament Nru 806/2014 u l-istituzzjoni ma kellha l-ebda importanza għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

   — Ir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 ([9]) jikser l-Artikolu 114 TFUE u l-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59/UE bħala regola essenzjali tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet (it-tieni sentenza tal-Artikolu 290 (1) TFUE).

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 41(2)(c) u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”), peress li l-proċedura ta’ kalkolu ma tippermettix ġustifikazzjoni sħiħa tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet. Ir-Regolament ta’ Delega (UE) 2015/63 huwa parzjalment ineffettiv.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 16 u 20 tal-Karta, peress li, minħabba s-sitwazzjoni speċjali tar-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipju ġenerali ta’ ugwaljanza u d-dritt fundamentali għal-libertà ta’ intrapriża.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur ta' rekwiżiti formali essenzjali u possibbilment tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/81, peress li ma huwiex ċert jekk id-deċiżjoni tas-SRB ġietx stabbilita. Barra minn hekk, il-konvenut ma ċċarax il-fatti b'mod adegwat, ma semgħax lir-rikorrenti qabel ma ġiet adottata d-deċiżjoni tas-SRB u ma mmotivax biżżejjed id-deċiżjoni tiegħu.

5. Il-ħames motiv (sussidjarjament) ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 69(1) tar-Regolament Nru 806/2014 peress li l-livell fil-mira ġie stmat eċċessivament, minħabba li l-konvenut kellu jqiegħed il-livell ta' mira għal ammont massimu ta' EUR 55 000 000 000.

6. Is-sitt motiv (sussidjarjament) ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 70(2) tar-Regolament Nru 806/2014 ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59/UE, peress li l-konvenut kellu jeskludi obbligazzjonijiet mingħajr riskju mill-obbligazzjonijiet rilevanti waqt il-kalkolu tal-ammont tal-kontribuzzjoni.

7. Is-seba' motiv (sussidjarjament) ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 70(6) tar-Regolament Nru 806/2014 ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 5(3) u (4) tar-Regolament ta' Delega 2015/63, peress li l-konvenut ikkalkola b'mod ħażin il-kontribuzzjonijiet tar-rikorrenti minħabba li ħa inkunsiderazzjoni l-valur gross tal-kuntratti derivattivi tar-rikorrenti.

8. It-tmien motiv (sussidjarjament) ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 70(6) tar-Regolament Nru 806/2014 ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 6(8)(a) tar-Regolament ta' Delega 2015/63, peress li l-konvenut b'mod żbaljat qies lir-rikorrenti bħala istituzzjoni fi proċess ta' ristrutturazzjoni.

(1) ĠU 2018, C 294, p. 41.
(2) ĠU 2019, C 305, p. 60.
(3) ĠU 2020, C 240, p. 34.
(4) ĠU 2020, C 279, p. 70.
(5) ĠU 2021, C 44, p. 35.
(6) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).
(7) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/81 tad-19 ta' Diċembru 2014 li jispeċifika kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 15, p. 1).
(8) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).
(9) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44, rettifika fil-ĠU 2017, L 156, p. 38).

## Rikors ippreżentat fil-25 ta' Ġunju 2021 – Essity Hygiene and Health vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta' werqa)

**(Kawża T-364/21)**

(2021/C 320/60)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Essity Hygiene and Health AB (Göteborg, l-Isvezja) (rappreżentant: U. Wennermark, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta werqa – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 709 305

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-31 ta’ Marzu 2021 fil-Każ R 2196/2017–1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tirrifjuta l-applikazzjoni;

— temenda d-deċiżjoni kkontestata billi tilqa’ l-appell mid-deċiżjoni tal-eżaminatur li ma tintlaqax l-applikazzjoni fir-rigward tal-prodotti fil-klassi 16; u

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż sostnuti fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll quddiem l-EUIPO.

Sussidjarjament, ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tar-rikorrenti sostnuti quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 165(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 u tal-Artikolu 36(1)(g) u 36(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT